



Dokument ta' sessjoni

A9-0158/2024

25.3.2024

RAPPORT

dwar l-emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament li jimplimentaw ir-riforma parlamentari "Parlament 2024"
(2024/2000(REG))

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

Rapporteur: Salvatore De Meo

WERREJ

	Paġna
PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
NOTA SPJEGATTIVA	67
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM	68
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	69
VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	70

PROPOSTA GĦAL DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-emendi tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament li jimplimentaw ir-riforma parlamentari "Parlament 2024" (2024/0000(REG))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-ittra tal-President tiegħu tal-31 ta' Jannar 2024,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 236 u 237 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tad-19 ta' April 1995 dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew¹,
 - wara li kkunsidra l-proposta tiegħu għal regolament tal-Parlament Ewropew dwar id-dispożizzjonijiet dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew u li jħassar id-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEEA tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni²,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0158/2024),
1. Jiddeċiedi li jemenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu kif jidher hawn taħt;
 2. Jiddeċiedi li dawn l-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2024; jiddeċiedi li l-emendi li jagħtu s-setgħa lill-Konferenza tal-Presidenti u lill-Bureau li jadottaw miżuri ta' implimentazzjoni għandhom madankollu japplikaw mid-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni;
 3. Jimpjenja ruħu li jinvolvi ruħu mal-Kummissjoni biex tinbeda r-reviżjoni tal-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea³ fid-dawl tar-riforma parlamentari "Parlament 2024" u jilqa' l-fatt li l-President tal-Parlament tat bidu għall-ewwel passi mal-President tal-Kummissjoni għal dan il-għan;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għal skopijiet ta' informazzjoni.

¹ ĠU L 113, 19.5.1995, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/1995/167/oj>

² Testi adottati tat-23 ta' Mejju 2012 (ĠU C 264 E, 13.9.2013, p. 41) u tas-16 ta' April 2014 (ĠU C 443, 22.12.2017, p. 39).

³ ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

Emenda 1

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 25 – paragrafu 9

Test fis-seħħ

9. Il-Bureau għandu jkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza **laqgħat jew missjonijiet ta' kumitati li jsiru barra mill-postijiet tax-xogħol tas-soltu, seduti kif ukoll vjaġġi li jsiru għal studju u għal ġbir ta' informazzjoni minn rapporteurs.**

Meta tali laqgħat jew missjonijiet ikunu awtorizzati, l-arranġamenti lingwistiċi għandhom jiġu determinati skont il-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Multilingwiżmu adottat mill-Bureau. L-istess artikolu għandu japplika għad-delegazzjonijiet.

Emenda 2

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 27 – paragrafu 7

Test fis-seħħ

7. Il-Konferenza tal-Prezidenti għandha tressaq proposti lill-Parlament rigward il-kompożizzjoni u l-kompetenza ta' kumitati, kumitati ta' inkjesta, kumitati parlamentari konġunti u delegazzjonijiet permanenti. Il-Konferenza tal-Prezidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli **għall-awtorizzazzjoni tad-delegazzjonijiet “ad hoc”.**

Emenda 3

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 27 – paragrafu 7a (ġdid)

Emenda

9. Il-Bureau għandu jkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza **n-nefqa għas-seduti ta' smigħ.**

Emenda

7. Il-Konferenza tal-Prezidenti għandha tressaq proposti lill-Parlament rigward il-kompożizzjoni u l-kompetenza ta' kumitati, kumitati **speċjali, kumitati** ta' inkjesta, kumitati parlamentari konġunti u delegazzjonijiet permanenti **interparlamentari.** Il-Konferenza tal-Prezidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli **li tipproponi lill-Parlament biex jistabbilixxi kumitati leġiżlattivi temporanji f'konformità mal-Artikolu 207a.**

7a. Il-Konferenza tal-Prezidenti għandha tkun l-awtorità responsabbli li tawtorizza l-missjonijiet li jsiru f'postijiet li ma jkunux il-postijiet tax-xogħol tas-soltu u l-laqgħat interparlamentari.

Emenda 4

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 42**

Artikolu 42

Verifika ta' kompatibilità finanzjarja

imħassar

1. Fejn proposta għal att legalment vinkolanti jkollha implikazzjonijiet finanzjarji, il-Parlament għandu jstabbilixxi jekk ikunux ipprovduti riżorsi finanzjarji biżżejjed.

2. Il-kumitat responsabbli għas-suġġett għandu jivverifika li kull proposta għal att legalment vinkolanti tkun kompatibbli mil-lat finanzjarju mar-regolament tal-qafas finanzjarju pluriennali.

3. Meta l-kumitat responsabbli għas-suġġett jemenda l-allokkazzjoni finanzjarja tal-att li qed jeżamina, għandu jitlob il-fehma tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet tal-baġit.

4. Barra minn dan, il-kumitat responsabbli għall-affarijiet tal-baġit jista', fuq inizjattiva tiegħu stess, jittratta mistoqsijiet dwar il-kompatibilità finanzjarja tal-proposti għal atti legalment vinkolanti. F' tali każijiet, għandu jgħarraf kif jistħoqq lill-kumitat responsabbli għas-suġġett.

5. Jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet tal-baġit jiddeċiedi li jikkontesta il-kompatibilità finanzjarja tal-proposta, għandu jirraporta l-konklużjonijiet tiegħu

lill-Parlament qabel ma l-Parlament jivvota fuq il-proposta.

Emenda 5

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 47 – paragrafu 1 – subparagrafi 1a u 1b (ġodda)

Test fis-seħħ

Emenda

Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament għandha tindika l-bażi legali xierqa tal-proposta.

Il-Parlament għandu jikkunsidra l-implikazzjonijiet finanzjarji, jekk ikun hemm, tal-proposta.

Emenda 6

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test fis-seħħ

Emenda

Il-proposta għandha titressaq lill-President, li għandu jivverifika jekk ir-rekwiżiti legali humiex *sodisfati*. **Huwa** jista' jirreferi l-proposta għal opinjoni dwar **jekk il-bażi** legali **hix xierqa lill-kumitat responsabbli għal tali verifika**. Jekk il-President jiddikjara li l-proposta hija ammissibbli, għandu jħabbar dan fil-plenarja u jirreferiha lill-kumitat responsabbli għas-suġġett.

Il-proposta għandha titressaq lill-President, li għandu jivverifika jekk ir-rekwiżiti legali humiex *issodisfati*. **Il-President** jista' jirreferi l-proposta **lill-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali** għal opinjoni dwar **l-adegwatezza tal-bażi** legali, **li għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed**. Jekk il-President jiddikjara li l-proposta hija ammissibbli, għandu jħabbar dan fil-plenarja u jirreferiha lill-kumitat responsabbli għas-suġġett.

Emenda 7

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 47 – paragrafu 2 – subparagrafu 6a

Test fis-seħħ

Emenda

Meta l-kumitat responsabbli għas-suġġett ikun iddeċieda li jfassal rapport fuq

inizjattiva proprja f'konformità mal-Artikolu 54 dwar il-proposta u l-President ma jkunx irreferih lill-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali għal opinjoni dwar l-adegwatezza tal-bażi legali, il-kumitat responsabbli għas-suġġett għandu jitlob tali opinjoni mingħand dak il-kumitat, li għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed.

Emenda 8 Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 47 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

Emenda

3. *Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament għandha tindika l-bażi legali xierqa u tiġi akkumpanjata minn rakkomandazzjonijiet dwar il-kontenut tal-proposti meħtieġa.*

3. *Il-kumitat responsabbli għas-suġġett jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tali proposta fuq l-inizjattiva proprja tiegħu. Għandu jitlob opinjoni dwar l-adegwatezza tal-bażi legali mingħand il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali, li għandha tingħata mingħajr dewmien żejjed.*

Emenda 9

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 47 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

Emenda

4. *F'każ li proposta jkollha implikazzjonijiet finanzjarji, il-Parlament għandu jindika kif jistgħu jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji adegwati.*

4. *Il-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji jista' jipprovdi opinjoni dwar l-implikazzjonijiet finanzjarji potenzjali tal-proposta lill-kumitat responsabbli għas-suġġett. Għandu jipprovdi tali opinjoni jekk jintalab jagħmel dan mill-kumitat responsabbli għas-suġġett. Kwalunkwe opinjoni tali għandha tiġi pprovduta mingħajr dewmien żejjed.*

Emenda 10

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 47 – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

4a. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament għandha tkun akkumpanjata minn rakkomandazzjonijiet rigward il-kontenut tal-proposta mitluba.

Emenda 11

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 4 – paragrafu 4b (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

4b. Ir-riżoluzzjoni tal-Parlament għandha tinġieb għall-attenzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni bl-għan li possibbilment tiġi inkluża fid-dikjarazzjoni konġunta dwar il-programmazzjoni interistituzzjonali annwali msemmija fl-Artikolu 38(2).

Emenda 12

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 47 – paragrafu 5 – subparagrafi 1a u 1b (ġodda)**

Test fis-seħħ

Emenda

Wara li tgħaddi l-iskadenza ta' tliet xhur prevista fil-paragrafu 16, it-tielet subparagrafu, tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea u fil-paragrafu 10 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, il-Kummissjoni tista' tiġi mistiedna tagħmel dikjarazzjoni fil-plenarja skont l-Artikolu 132 sabiex tinforma lill-Parlament dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li biħsiebha tiegħu.

Jekk tali dikjarazzjoni ma titqegħidx fuq l-aġenda tal-ewwel jew tat-tieni sessjoni parzjali wara li tgħaddi l-iskadenza msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-kumitat responsabbli

għas-suġġett għandu jistieden lill-Kummissarju responsabbli biex jipprovdli l-informazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jkun imiss.

Emenda 13

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 47 – paragrafu 6

Test fis-seħħ

6. Il-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati għandha timmonitorja regolarment jekk il-Kummissjoni hijiex tikkonforma mal-paragrafu 10 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li skontu l-Kummissjoni għandha twieġeb għal talbiet *għat-tressiq* ta' proposti fi żmien tliet xhur billi tadotta komunikazzjoni speċifika li tiddikjara l-azzjonijiet ta' segwitu intiżi li għandhom jittieħdu. ***Il-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati għandha regolarment tirrapporta dwar ir-riżultati ta' tali monitoraġġ lill-Konferenza tal-Prezidenti.***

Emenda

6. Il-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati għandha timmonitorja ***u tirrapporta*** regolarment ***lill-Konferenza tal-Prezidenti*** dwar jekk il-Kummissjoni hijiex tikkonforma mal-paragrafu ***16, it-tielet subparagrafu, tal-Ftehim Qafas kif ukoll mal-paragrafu*** 10 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, li skontu l-Kummissjoni għandha twieġeb għal talbiet ***għat-tressiq*** ta' proposti fi żmien tliet xhur billi tadotta komunikazzjoni speċifika li tiddikjara l-azzjonijiet ta' segwitu intiżi li għandhom jittieħdu.

Emenda 14

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 48 – titolu

Test fis-seħħ

Eżami ta' atti legalment vinkolanti

Emenda

Riferiment ta' atti legalment vinkolanti ***u kwistjonijiet ta' kompetenza***

Emenda 15

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 48 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Il-President għandu jirreferi

Emenda

1. Il-President għandu jirreferi

proposti għal atti legalment vinkolanti rċevuti **minn** istituzzjonijiet jew Stati Membri oħra lill-kumitat responsabbli biex jiġu eżaminati. Il-kumitati l-oħra għandhom jiġu infurmati dwar ir-riferiment fl-istess ħin.

proposti għal atti legalment vinkolanti rċevuti **mingħand** istituzzjonijiet jew Stati Membri oħra lill-kumitat responsabbli **jew lill-kumitati responsabbli skont l-Artikolu 58** biex jiġu eżaminati. **Il-President jista' fl-istess ħin jirreferi proposti lil kumitat wieħed jew aktar biex dawn jabbozzaw opinjoni skont l-Artikolu 56.** Il-kumitati u **l-gruppi politiċi** l-oħra għandhom jiġu infurmati dwar ir-riferiment fl-istess ħin.

Emenda 16

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 48 – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

1a. Fi żmien ġimagħtejn mir-riferiment, kumitat jew grupp politiku jista' jikkontesta r-riferiment tal-President lill-kumitat jew lill-kumitati responsabbli. F'tali każ, dak il-kumitat jew grupp politiku għandu jipprovdli ġustifikazzjoni dettaljata bil-miktub u alternattiva sostanzjata bbażata fuq l-Anness VI mill-inqas ġimgħa qabel il-laqgħa li jkun imiss tal-Konferenza tal-Presidenti.

Il-Konferenza tal-Presidenti tista' titlob rakkomandazzjoni dwar il-kwistjoni mingħand il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew il-President tagħha għandhom jadottaw dik ir-rakkomandazzjoni fil-laqgħa li jkun imiss tagħha. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiegħu deċiżjoni dwar ir-riferiment finali fil-laqgħa li jmiss tagħha, dment li t-trażmissjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tar-rakkomandazzjoni tagħha tkun saret mill-inqas ġimgħa qabel.

Jekk l-ebda kumitat jew grupp politiku ma jikkontesta r-riferiment tal-President lill-kumitat jew lill-kumitati responsabbli sal-iskadenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu, ir-riferiment tal-President

għandu jkun finali.

Emenda 17

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 48 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. ***Fil-każ ta' dubju, il-President jista', qabel it-tħabbira fil-Parlament ta' riferiment lill-kumitat responsabbli, iressaq mistoqsija dwar il-kompetenza lill-Konferenza tal-Presidenti. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tadotta d-deċiżjoni tagħha abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, jew mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, skont l-Artikolu 211(2).***

Emenda

2. ***F'każijiet ta' dubju, il-President jista', qabel ir-riferiment previst fil-paragrafu 1, jitlob rakkomandazzjoni dwar il-kwistjoni ta' kompetenza mingħand il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew il-President tagħha għandhom jadottaw dik ir-rakkomandazzjoni fil-laqgħa li jkun imiss tagħha. Wara li jirċievi r-rakkomandazzjoni, il-President għandu jagħmel ir-riferiment. Il-gruppi politiċi għandhom jiġu infurmati dwar ir-riferiment fl-istess ħin. Fi żmien ġimagħtejn mir-riferiment, grupp politiku jista' jikkontesta r-riferiment tal-President lill-kumitat jew lill-kumitati responsabbli. F'tali każ, dak il-grupp għandu jipprova ġustifikazzjoni dettaljata bil-miktub u alternattiva sostanzjata bbażata fuq l-Anness VI mill-inqas ġimagħtejn qabel il-laqgħa li jkun imiss tal-Konferenza tal-Presidenti. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiegħu deċiżjoni dwar ir-riferiment fil-laqgħa li jkun imiss tagħha.***

Jekk l-ebda grupp politiku ma jikkontesta r-riferiment tal-President lill-kumitat jew lill-kumitati responsabbli sal-iskadenza stabbilita fl-ewwel subparagrafu, ir-riferiment tal-President għandu jkun finali.

Emenda 18

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 48 – paragrafu 2a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

2a. *Fi żmien ġimagħtejn mir-riferiment, kumitat li lill-**l-*President*** ma jkunx irrefera l-proposta għal opinjoni skont il-paragrafu 1 jista' jitolb awtorizzazzjoni mingħand il-Konferenza tal-**Presidenti tal-Kumitati** biex ifassal tali opinjoni. **Dik it-talba għandha tkun ibbażata fuq dikjarazzjoni bil-miktub tar-raġunijiet li jiġġustifikaw li s-suġġett jaqa' sa punt sostanzjali taħt il-kompetenza tiegħu skont l-Anness VI. Il-Konferenza tal-**Presidenti tal-Kumitati** jew il-**President** tagħha għandhom jieħdu deċiżjoni fil-laqgħa li jkun imiss tagħha u jinfirmaw lill-**President** dwar dan.***

Emenda 19

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 48 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Il-**President** għandu jħabbar ir-riferiment fil-Parlament wara li jirċievi l-proposta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u, għajr f'każijiet ta' talbiet għall-applikazzjoni tal-proċedura urġenti skont l-Artikolu 163, wara li, meta rilevanti, kwalunkwe **kunfliitt** ta' kompetenza bejn il-kumitati **jkun ġie solvut f'konformità mal-Artikolu 211(2)**. Ladarba jitħabbar fil-Parlament, ir-riferiment għandu jsir pubbliku fuq is-sit web tal-Parlament.

Emenda 20

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 48 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. **Il-kumitat responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin, jiddeċiedi li jaħtar rapporteur biex isegwi l-fażi preparatorja**

Emenda

3. Il-**President** għandu jħabbar ir-riferiment fil-Parlament wara li jirċievi l-proposta fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea u, għajr f'każijiet ta' talbiet għall-applikazzjoni tal-proċedura urġenti skont l-Artikolu 163, wara li, meta rilevanti, kwalunkwe **kwistjoni** ta' kompetenza bejn il-kumitati **tkun ġiet solvuta**. Ladarba jitħabbar fil-Parlament, ir-riferiment għandu jsir pubbliku fuq is-sit web tal-Parlament.

Emenda

imħassar

*ta' proposta. Huwa għandu jagħti
attenzjoni partikolari biex isir hekk fejn
il-proposta tkun mniżżla fil-Programm ta'
Ħidma tal-Kummissjoni.*

Emenda 21

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 48 – paragrafu 5**

Test fis-seħħ

Emenda

**5. Fil-każ ta' kunflitt bejn
dispożizzjoni tar-Regoli ta' Proċedura li
għandha x'taqsam mat-tieni u t-tielet qari
u kull dispożizzjoni oħra tar-Regoli ta'
Proċedura, id-dispożizzjoni li għandha
x'taqsam mat-tieni u t-tielet qari għandha
tieħu l-preċedenza.**

imħassar

Emenda 22

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 48 – paragrafu 5a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

**5a. Għall-fini tal-kalkolu tal-iskadenzi
msemmija f'dan l-Artikolu , il-ġimgħat
mingħajr attivitajiet parlamentari u l-
ġimgħat riżervati għall-attivitajiet
parlamentari esterni ma għandhomx
jittqiesu.**

Emenda 23

**Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 49 – paragrafu 1**

Test fis-seħħ

Emenda

L-aċċelerazzjoni tal-proċeduri leġiżlattivi
f'koordinazzjoni mal-Kunsill u mal-
Kummissjoni dwar proposti speċifiċi,
magħżula b'mod partikolari minn fost
dawk identifikati bħala prijoritajiet fid-
dikjarazzjoni konġunta dwar il-
programmazzjoni interistituzzjonali
annwali skont l-Artikolu 38(2), **jista' jsir**

L-aċċelerazzjoni tal-proċeduri leġiżlattivi
f'koordinazzjoni mal-Kunsill u mal-
Kummissjoni dwar proposti speċifiċi,
magħżula b'mod partikolari minn fost
dawk identifikati bħala prijoritajiet fid-
dikjarazzjoni konġunta dwar il-
programmazzjoni interistituzzjonali
annwali skont l-Artikolu 38(2), **għandu**

qbil dwarha mill-kumitat jew *kumitati* responsabbli.

jkun hemm qbil dwarha mill-kumitat jew *mill-kumitati* responsabbli.

Emenda 24

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 49 – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

Proċeduri leġiżlattivi aċċelerati għandhom jitwettqu fuq il-bażi ta' rapport mingħand il-kumitat jew il-kumitati responsabbli. Għal dan il-għan, kwistjonijiet li jridu jiġu trattati f'konformità mal-proċeduri leġiżlattivi aċċelerati jistgħu jingħataw prijorità fuq punti oħra fuq l-aġenda tal-kumitat.

Emenda 25

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 51 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

Emenda

2. Wara li tittieħed deċiżjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita, u ***jekk il-proċedura*** simplifikata skont l-Artikolu 52 ma tkunx tapplika, il-kumitat għandu jaħtar rapporteur dwar il-proposta għal att legalment vinkolanti minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti ***jekk ikun għadu ma għamilx dan abbażi tal-Artikolu 48(4).***

2. Wara li tittieħed deċiżjoni dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita, u ***dment li l-proċedura*** simplifikata skont l-Artikolu 52 ma tkunx tapplika, il-kumitat għandu jaħtar rapporteur dwar il-proposta għal att legalment vinkolanti minn fost il-membri tiegħu jew minn fost is-sostituti permanenti.

Il-kumitat responsabbli jista' jiddeċiedi wkoll li jaħtar rapporteur biex isegwi l-fażi preparatorja ta' proposta. Huwa għandu b'mod partikolari jikkunsidra li jagħmel hekk meta l-proposta tkun mniżżla fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni.

Emenda 26

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 52 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. B'mod alternattiv, il-president tal-kumitat jista' jipproponi li **huwa jew ir-rapporteur jagħmlu abbozz ta' sett ta' emendi li jirriflettu d-diskussjoni tal-kumitat. Ħlief jekk ikun** hemm oġġezzjoni minn għadd ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju tal-kumitat, il-proċedura proposta għandha titqies bħala approvata **u l-emendi għandhom jintbagħtu lill-membri tal-kumitat.**

Ħlief jekk ikun hemm oġġezzjoni għall-emendi minn għadd ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju tal-kumitat fil-limitu ta' żmien mogħti, li m'għandux ikun ta' anqas minn għaxart ijiem tax-xogħol mid-data ta' meta jintbagħat, ir-rapport għandu jitqies li kien adottat mill-kumitat. F'dan il-każ l-abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva u l-emendi għandhom jiġu ppreżentati lill-Parlament mingħajr dibattitu skont it-tieni sub-paragrafu tal-Artikolu 159(1), u r-Regola 159 (2) u (4).

Jekk ikun hemm oġġezzjoni għall-emendi minn għadd ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju tal-kumitat, l-emendi għandu jittieħed vot fuqhom fil-laqgħa tal-kumitat li jkun imiss.

Emenda 27

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 53a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

2. B'mod alternattiv, il-President tal-kumitat jista' jipproponi li **tiġi stabbilita skadenza għat-tressiq tal-emendi mingħajr ma jkun l-ewwel tfassal abbozz ta' rapport. Dment li ma jkunx** hemm oġġezzjoni minn għadd ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju tal-kumitat, il-proċedura proposta għandha titqies bħala approvata.

L-emendi mressqa għandhom jitqiegħdu għall-votazzjoni fl-aktar laqgħa kmieni possibbli tal-kumitat wara li tkun għaddiet l-iskadenza għall-emendi, u wara dan, abbozz ta' riżoluzzjoni leġislattiva u emendi għandhom jitressqu quddiem il-Parlament.

Emenda

Artikolu 53a

Attività konġunta ta' rapporteurs

1. *B'mod eċċezzjonali, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 51(2) u fuq talba tal-kumitat responsabbli, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tawtorizza l-ħatra ta' massimu tliet korapporteurs. Bħala regola ġenerali, il-korapporteurs għandhom ikunu ġejjin minn gruppi politiċi differenti.*

2. *Il-ħatra tal-korapporteurs ma għandhiex tiġi awtorizzata skont il-paragrafu 1 għal rapporti mfassla minn kumitati b'mod konġunt skont l-Artikolu 58, għal opinjonijiet skont l-Artikolu 56 jew għal rapporti fuq inizjattiva proprja, ħlief għal rapporti fuq inizjattiva proprja ta' natura baġitarja jew istituzzjonali.*

Emenda 28

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 54 – paragrafu 4**

Test fis-seħħ

4. Il-mozzjonijiet għal risoluzzjonijiet li jitressqu lill-Parlament għandhom jiġu eżaminati skont il-proċedura bi preżentazzjoni qasira stipulata fl-Artikolu 160. L-emendi għal tali mozzjonijiet għal risoluzzjonijiet u ***t-talbiet*** għal votazzjonijiet maqsuma jew għal votazzjonijiet separati għandhom ikunu ammissibbli biss biex jiġu eżaminati fil-plenarja jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda jew mir-rapporteur ***biex*** jitqies tagħrif ġdid ***jew*** minn mhux anqas minn wieħed minn kull għaxar Membri. Il-gruppi politiċi jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjonijiet għal risoluzzjonijiet alternattivi ***skont l-Artikolu 181(3)***. L-Artikolu 190 għandu japplika għall-mozzjoni għal risoluzzjoni tal-kumitat u għall-emendi li din tkun suġġetta għalihom. L-Artikolu 190 għandu japplika wkoll għall-votazzjoni waħdanija fuq mozzjonijiet għal ***riżoluzzjoni*** alternattivi.

Emenda

4. Il-mozzjonijiet għal risoluzzjonijiet li jitressqu lill-Parlament għandhom jiġu eżaminati skont il-proċedura bi preżentazzjoni qasira stipulata fl-Artikolu 160 ***jew jitressqu direttament għal votazzjoni fil-plenarja***. L-emendi għal tali mozzjonijiet għal risoluzzjonijiet u ***talbiet*** għal votazzjonijiet maqsuma jew għal votazzjonijiet separati għandhom ikunu ammissibbli biss biex jiġu eżaminati fil-plenarja jekk jitqiegħdu fuq il-Mejda jew mir-rapporteur, ***sabiex*** jitqies tagħrif ġdid, ***inkella*** minn mhux anqas minn wieħed minn kull għaxar Membri. Il-gruppi politiċi jistgħu jqiegħdu fuq il-Mejda mozzjonijiet għal risoluzzjonijiet alternattivi ***f'konformità mal-Artikolu 181(3)***. L-Artikolu 190 għandu japplika għall-mozzjoni għal risoluzzjoni tal-kumitat u għall-emendi li din tkun suġġetta għalihom. L-Artikolu 190 għandu japplika wkoll għall-votazzjoni waħdanija fuq

mozzjonijiet għal *riżoluzzjonijiet* alternattivi.

Emenda 29

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 54 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. Il-paragrafu 4 *m'għandux* japplika *fejn is-suġġett* tar-rapport jikkwalifika għal dibattitu ta' prijorità fil-plenarja, *fejn ir-rapport* jitfassal skont id-dritt ta' inizjattiva msemmi *fl-Artikoli* 46 jew 47, jew *fejn ir-rapport* ikun ġie awtorizzat bħala rapport strateġiku¹⁸.

¹⁸ *Ara d-deċiżjoni rilevanti tal-Konferenza tal-Presidenti.*

Emenda 30

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 54 – paragrafu 5a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

5. Il-paragrafu 4 *ma għandux* japplika *meta s-suġġett* tar-rapport jikkwalifika għal dibattitu ta' prijorità fil-plenarja, *meta r-rapport* jitfassal skont id-dritt ta' inizjattiva msemmi *fl-Artikolu* 46 jew 47, jew *meta r-rapport* ikun ġie awtorizzat bħala rapport strateġiku *jew bħala rapport ta' implimentazzjoni jew għal rapporti ta' attività annwali u monitoraġġ elenkati fid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni stipulati mill-Konferenza tal-Presidenti.*

5a. Il-Presidenti tal-Kumitati jistgħu jidħlu fi ftehimiet ma' Presidenti ta' Kumitati oħra rigward l-allokazzjoni ta' rapport fuq inizjattiva proprja jew rapport mhux leġiżlattiv lil kumitat partikolari.

Jekk tqum kwistjoni dwar kompetenza fost żewġ kumitati permanenti jew aktar, il-kwistjoni għandha tiġi eżaminata mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim bejn dawk il-kumitati, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati jew il-President tagħha għandhom joħroġu rakkomandazzjoni. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tieħu deċiżjoni abbażi

ta' dik ir-rakkomandazzjoni fil-laqgħa li jmiss tagħha l-aktar kmieni possibbli u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara t-trażmissjoni tagħha. Jekk il-Konferenza tal-Presidenti tonqos milli tieħu deċiżjoni fi żmien dak il-perjodu, ir-rakkomandazzjoni għandha titqies li tkun ġiet approvata.

Emenda 31

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 56 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

1. *Jekk il-kumitat li lilu tkun ġiet riferuta għall-ewwel darba l-mistoqsija jkun jixtieq li jisma' l-fehmiet ta' kumitat ieħor, jew jekk kumitat ieħor ikun jixtieq jagħti l-fehmiet tiegħu lill-kumitat li lilu tkun ġiet riferuta għall-ewwel darba l-mistoqsija, dawn il-kumitati jistgħu jitolbu lill-President tal-Parlament biex, skont l-Artikolu 210(2), wieħed mill-kumitati jiġi nominat bħala l-kumitat responsabbli u l-ieħor bħala l-kumitat għal opinjoni.*

Emenda

1. *Il-Kumitati jistgħu jiġu awtorizzati jfasslu opinjoni skont l-Artikolu 48 jew l-Artikolu 54 jekk kwistjoni taqa' sa punt sostanzjali taħt il-kompetenza tagħhom skont l-Anness VI^{18a}.*

^{18a} Dan is-subparagrafu huwa mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura relatati ma' opinjonijiet u valutazzjonijiet dwar kwistjonijiet orizzontali kif ukoll ma' opinjonijiet dwar kwistjonijiet baġitarji u ta' kwittanza.

Emenda 32

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 56 – paragrafu 1a (ġdid)

Test fis-seħħ

1a. *Il-Presidenti u r-rapporteurs tal-kumitat responsabbli u ta' kwalunkwe kumitat li jintalab jagħti opinjoni huma marbuta bil-prinċipju tal-kooperazzjoni*

Emenda

tajba u leali. Ir-rapporteurs ta' dawk il-kumitati għandhom iżommu lil xulxin infurmati u għandhom jagħmlu ħilithom biex jiftiehm u dwar it-testi li huma jiddeċiedu li jipproponu lill-kumitati tagħhom u dwar il-pożizzjonijiet tagħhom fir-rigward tal-emendi.

Emenda 33

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 56 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Meta l-opinjoni tikkonċerna proposta għal att legalment vinkolanti, hija għandha tkun tikkonsisti f'emendi għat-test li jkun ġie riferut lill-kumitat flimkien ma', jekk ikun il-każ, ġustifikazzjonijiet qosra. Dawn il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-awtur tagħhom u ***m'għandux*** jittieħed vot fuqhom. Jekk ikun meħtieġ, il-kumitat ***għal*** opinjoni jista' jippreżenta ġustifikazzjoni qasira bil-miktub għall-opinjoni sħiħa. Dik il-ġustifikazzjoni qasira bil-miktub għandha tkun ir-responsabbiltà tar-rapporteur għal opinjoni.

Meta l-opinjoni ma tkunx tikkonċerna proposta għal att legalment vinkolanti, hija għandha tkun tikkonsisti ***f'suġġerimenti li jolqtu partijiet mill-mozzjoni għal riżoluzzjoni ppreżentata mill-kumitat***

Emenda

2. Meta l-opinjoni tikkonċerna proposta għal att legalment vinkolanti, hija għandha tkun tikkonsisti f'emendi għat-test li jkun ġie riferut lill-kumitat flimkien ma', jekk ikun il-każ, ġustifikazzjonijiet qosra. Dawn il-ġustifikazzjonijiet għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-awtur tagħhom u ***ma għandux*** jittieħed vot fuqhom. Jekk ikun meħtieġ, il-kumitat ***li jintalab jagħti*** opinjoni jista' jippreżenta ġustifikazzjoni qasira bil-miktub għall-opinjoni sħiħa. Dik il-ġustifikazzjoni qasira bil-miktub għandha tkun ir-responsabbiltà tar-rapporteur għal opinjoni.

Il-kumitat responsabbli għandu jistabbilixxi skadenza raġonevoli sa meta l-kumitat li jintalab jagħti opinjoni jrid jagħti opinjoni jekk din trid tiġi kkunsidrata mill-kumitat responsabbli. Kwalunkwe bidla fl-iskeda taż-żmien imħabbra għandha tiġi kkomunikata minnufih mill-kumitat responsabbli lill-kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni flimkien ma' ġustifikazzjoni għal tali bidla. Il-kumitat responsabbli ma għandux jasal għall-konklużjonijiet aħħarin tiegħu qabel ma tkun għaddiet l-iskadenza.

2a. Meta l-opinjoni ma tkunx tikkonċerna proposta għal att legalment vinkolanti, hija għandha tkun tikkonsisti ***minn emendi għall-abbozz ta' rapport tal-kumitat*** responsabbli. ***L-iskeda taż-żmien***

responsabbli.

Il-kumitat responsabbli għandu jivvota fuq *dawn* l-emendi *jew suġġerimenti*.

L-opinjoni jiet għandhom *ikunu* biss *dwar* daww il-kwistjoni jiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' *responsabbiltà* tal-kumitat *għal* opinjoni.

Emenda 34

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 56 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. *Il-kumitat responsabbli għandu jistabbilixxi skadenza sa meta l-kumitat għal opinjoni jeħtieġlu jagħti l-opinjoni tiegħu, biex din tiġi kkunsidrata mill-kumitat responsabbli. Kwalunkwe tibdil fil-programm imħabbar għandu jkun ikkomunikat minnufih mill-kumitat responsabbli lill-kumitat jew kumitati għal opinjoni li jintalbu jagħtu opinjoni. Il-kumitat responsabbli m'għandux jasal għall-konklużjonijiet aħħarin tiegħu qabel ma jkun skada dak iż-żmien.*

stabbilita mill-kumitat responsabbli għandha tippermetti biżżejjed żmien lill-kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni biex jistabbilixxu skadenza speċifika ħalli jipprovdu l-emendi tagħhom u jlestu xogħolhom.

2b. Il-kumitat responsabbli għandu jivvota fuq l-emendi *tal-kumitati li jintalbu jagħtu opinjoni. L-emendi minn kumitat li jintalab jagħti opinjoni li ma jiġux adottati mill-kumitat responsabbli jistgħu jitqiegħdu fuq il-Mejda minn dak il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni biex jitqiesu direttament mill-Parlament, għajr fil-każ ta' opinjonijiet skont l-Artikolu 93, l-Artikolu 118 u l-Anness V.*

2c. L-opinjoni jiet għandhom *jittrattaw* biss daww il-kwistjoni jiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' *kompetenza* tal-kumitat *li jintalab jagħti* opinjoni. *L-emendi li jaqgħu barra l-oqsma ta' kompetenzi ta' dak il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni ma għandhomx ikunu ammissibbli.*

Emenda

imħassar

Emenda 35

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 56 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

Emenda

4. *B'mod alternattiv, il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni jista' jiddeċiedi li jippreżenta l-pożizzjoni tiegħu fil-forma ta' emendi li għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda direttament fil-kumitat responsabbli wara li jkunu ġew adottati. Dawn l-emendi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda mill-president jew mir-rapporteur f'isem il-kumitat għal opinjoni.*

imħassar

Emenda 36

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 56 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

Emenda

5. *Il-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandu jqiegħed fuq il-Mejda l-emendi msemmija fil-paragrafu 4 sal-iskadenza biex l-emendi jitqiegħdu fuq il-Mejda stabbilita mill-kumitat responsabbli.*

imħassar

Emenda 37

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 56 – paragrafu 6

Test fis-seħħ

Emenda

6. L-opinjoni jiet *u l-emendi* kollha adottati *mill-kumitat* li *jintalab jagħti* opinjoni għandhom ikunu annessi mar-rapport tal-kumitat responsabbli.

6. L-opinjoni jiet kollha adottati *mill-kumitati* li *jintalbu jagħtu* opinjoni għandhom ikunu annessi mar-rapport tal-kumitat responsabbli.

Emenda 38

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 56 – paragrafu 7

Test fis-seħħ

Emenda

7. *Il-kumitati li jintalbu jagħtu opinjonijiet skont dan l-Artikolu ma jistgħux iqiegħdu emendi fuq il-Mejda biex jiġu eżaminati mill-Parlament.*

imħassar

Emenda 39

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 56 – paragrafu 8**

Test fis-seħħ

Emenda

8. Il-president u r-rapporteur tal-kumitat **għal opinjoni** li jintalab jagħti opinjoni għandhom **ikunu** mistiedna jieħdu sehem f'kapaċità konsultattiva fil-laqgħat tal-kumitat responsabbli, *sa fejn dawn il-laqgħat ikunu dwar il-kwistjoni ta' interess komuni.*

8. Il-President u r-rapporteur tal-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandhom jiġu mistiedna jieħdu sehem f'kapaċità konsultattiva fil-laqgħat tal-kumitat responsabbli. ***Ir-rapporteur tal-kumitat li jintalab jagħti opinjoni għandu jiġi mistieden ukoll f'kapaċità konsultattiva għal-laqgħat tax-shadow rapporteurs u għal-laqgħat preparatorji li jsiru fil-qafas tan-negożjati interistituzzjonali. Fir-rigward tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, dan il-paragrafu għandu japplika biss għall-istadju tal-ewwel qari.***

Emenda

40

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 56a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 56a

Valutazzjoni baġitarja dwar proposti għal atti legalment vinkolanti b'implikazzjonijiet baġitarji

1. ***Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikolu 48, meta proposta għal atti legalment vinkolanti jkollha implikazzjonijiet għall-baġit tal-Unjoni, dik il-proposta għandha tiġi riferuta mill-President lill-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji. Dak il-kumitat għandu mbagħad joħroġ***

valutazzjoni baġitarja tal-proposta jekk iqs li jkun xieraq jew jekk jintalab jagħmel dan mill-kumitat responsabbli għas-suġġett. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji jkun awtorizzat iressaq opinjonijiet skont l-Artikolu 56 jew jaġixxi b'mod konġunt ma' kumitat wieħed jew aktar skont l-Artikolu 58.

2. Il-Kumitat responsabbli għas-suġġett għandu jistabbilixxi skadenza sa meta għandha tiġi pprovduta l-valutazzjoni baġitarja. Kwalunkwe bidla fl-iskeda taż-żmien imħabbra għandha tiġi kkomunikata minnufih lill-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji. Il-kumitat responsabbli għas-suġġett ma għandux jadotta r-rapport tiegħu qabel ma tkun skadiet dik l-iskadenza.

3. Fil-valutazzjoni baġitarja, il-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji għandu jeżamina jekk il-proposta għal att legalment vinkolanti tippredix biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani, u jevalwa l-impatt potenzjali tal-finanzjament propost fuq programmi jew politiki oħra tal-Unjoni. Għandu jiddetermina wkoll jekk il-proposta hijiex kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali, mas-sistema tar-riżorsi proprji u mal-ftehim interistituzzjonali korrispondenti, kif ukoll mal-prinċipji baġitarji kif stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju. Meta applikabbli, il-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji għandu jiddetermina wkoll jekk il-proposta hijiex kompatibbli mal-pożizzjoni tal-Parlament dwar kwalunkwe proposta biex jiġu emendati jew sostitwiti dak il-qafas, dik is-sistema, dak il-ftehim jew dawk il-prinċipji.

4. Il-valutazzjoni baġitarja għandha tikkonsisti minn evalwazzjoni tal-aspetti tal-proposta għal att legalment vinkolanti msemmija fil-paragrafu 3. Il-valutazzjoni baġitarja tista', meta xieraq, tinkludi

wkoll emendi għal dik il-proposta li jkopru esklużivament dawk l-aspetti msemija fil-paragrafu 3. L-emendi dwar dawk l-aspetti mill-kumitat responsabbli għas-suġġett għandhom ikunu inammissibbli. Il-valutazzjoni baġitarja, li tinkludi l-emendi, għandha tiġi integrata fir-rapport bħala tali.

5. Meta tiġi pprovduta valutazzjoni baġitarja, il-kumitat responsabbli għas-suġġett u l-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji għandhom jikkooperaw matul il-proċedura kollha biex jiżguraw konsistenza sħiħa bejn l-oġjettivi tal-politika u dawk baġitarji. Għal dan il-għan, huma għandhom jistiednu lir-rapporteurs ta' xulxin għad-diskussjonijiet tagħhom fil-Parlament relatati mal-proposta għal att legalment vinkolanti, inkluż għal-laqgħat bejn ir-rapporteurs u x-shadow rapporteurs.

6. Meta tiġi pprovduta valutazzjoni baġitarja, it-tim tan-negozjati msemmi fl-Artikolu 74(1) għandu jinkludi lir-rapporteur mill-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji għall-aspetti msemija fil-paragrafu 3. Meta ma tiġix ipprovduta valutazzjoni baġitarja, il-kumitat responsabbli għas-suġġett jista' jitlob lill-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji jipprovdi assistenza lit-tim tan-negozjati msemmi fl-Artikolu 74(1) fir-rigward tal-aspetti msemija fil-paragrafu 3 fi kwalunkwe stadju tan-negozjati interistituzzjonali.

Emenda 41

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 57

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 57

imħassar

Proċedura ta' kumitati assoċjati

1. Meta kwistjoni ta' kompetenza tiġi riferuta lill-Konferenza tal-Presidenti

skont l-Artikoli 211, u l-Konferenza tal-Presidenti tqis li, abbażi tal-Anness VI, il-kwistjoni taqa' kważi b'mod indaqs taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, jew li partijiet differenti tal-kwistjoni jaqgħu taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew aktar, l-Artikolu 56 għandu japplika b'dawn id-dispożizzjonijiet miżjuda li ġejjin:

– il-programm għandu jiġi miftiehem bejn il-kumitati kkonċernati flimkien;

– ir-rapporteur u r-rapporteurs għal opinjoni għandhom iżommu lil xulxin mgħarrfa u għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jilhqqu qbil dwar it-testi li huma jipproponu lill-kumitati tagħhom u dwar il-pożizzjoni tagħhom dwar l-emendi;

– il-presidenti tal-kumitati, ir-rapporteur u r-rapporteurs għal opinjoni kkonċernati huma marbuta bil-prinċipju ta' kooperazzjoni tajba u sinċiera u għandhom jidentifikaw flimkien l-oqsma tat-test li jaqgħu taħt il-kompetenzi esklużivi jew maqsuma tagħhom u jilhqqu qbil dwar l-arranġamenti preċiżi għall-koperazzjoni tagħhom. Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil dwar id-delimitazzjoni tal-kompetenzi l-kwistjoni għandha tiġi riferuta, fuq talba ta' wieħed mill-kumitati involuti, lill-Konferenza tal-Presidenti; il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-kompetenzi rispettivi jew tiddeċiedi li għandha tapplika l-proċedura b'kumitati konġunti skont l-Artikolu 58; hija għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha f'konformità mal-proċedura u sal-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 211;

– il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta mingħajr votazzjoni emendi minn kumitat assoċjat meta dawn ikunu dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tal-kumitat assoċjat. Jekk il-kumitat responsabbli jonqos milli jirrispetta l-kompetenza esklużiva tal-kumitat assoċjat, dak il-kumitat assoċjat jista' jqiegħed fuq il-Mejda emendi

direttament fil-plenarja. Jekk l-emendi dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza maqsuma tal-kumitat responsabbli u ta' kumitat assoċjat ma jiġux adottati mill-kumitat responsabbli, il-kumitat assoċjat jista' jqiegħed daww l-emendi direttament fuq il-Mejda fil-plenarja;

– fil-każ li jkun hemm proċedura ta' konċiljazzjoni rigward il-proposta, id-delegazzjoni tal-Parlament għandha tinkludi lir-rapporteur ta' kwalunkwe kumitat assoċjat.

Id-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti li tiġi applikata l-proċedura b'kumitati assoċjati tapplika fl-istadji kollha tal-proċedura in kwistjoni.

Id-drittijiet marbuta mal-istatus ta' "kumitat responsabbli" għandhom jitwettqu mill-kumitat ewlieni. Fit-twettiq ta' dawn id-drittijiet, il-kumitat ewlieni jehtiegħu jirrispetta l-prerogattivi tal-kumitat assoċjat. B'mod partikolari, il-kumitat ewlieni għandu josserva l-obbligu ta' kooperazzjoni leali fir-rigward tal-kalendarju u d-dritt tal-kumitat assoċjat li jiddetermina l-emendi li jiġu ppreżentati lill-Parlament fil-qasam ta' kompetenza esklużiva tiegħu.

2. Il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu m'għandhiex tapplika għar-rakkomandazzjonijiet li jkun se jiġu adottati mill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 105.

(L-emenda tapplika għat-test kollu: jitħassru r-referenzi għall-Artikolu 57 u jsiru l-bidliet li jirriżultaw fir-Regoli ta' Proċedura kollha)

Emenda 42

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 58 – paragrafu 1**

Test fis-seħħ

1. Meta ***tiġi riferuta lilha kwistjoni ta' kompetenza skont l-Artikolu 211, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tiddeċiedi li għandha tiġi applikata l-proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati u b'votazzjoni konġunta jekk:***

– il-kwistjoni taqa', skont l-Anness VI, b'mod inseparabbli taħt il-kompetenzi ta' aktar minn kumitat wieħed, u u

– hija tkun tal-fehma li l-kwistjoni hija ta' importanza maġġuri.

Emenda 43

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 58 – paragrafu 2**

Test fis-seħħ

2. F'dak il-każ, ir-rapporteurs rispettivi għandhom ifasslu abbozz ta' rapport uniku, li għandu jiġi eżaminat u li għandha ssir votazzjoni ***dwaru*** mill-kumitati involuti ***fil-laqgħat konġunti li jiġu ppreseduti b'mod konġunt mill-presidenti*** tal-kumitati involuti.

Fl-istadji kollha tal-proċedura, id-drittijiet relatati mal-istatus ta' kumitat responsabbli ***ma jistgħux*** jiġu eżerċitati mill-kumitati involuti ***ħlief*** meta jaġixxu b'mod konġunt. Il-kumitati involuti jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma biex ***jitħejjew il-laqgħat*** u l-votazzjonijiet.

Emenda

1. Meta ***kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza ta' żewġ kumitati jew ta' tliet kumitati, u l-kompetenza ta' ebda wieħed minnhom ma tkun tipprevali, il-proċedura b'laqgħat konġunti tal-kumitati u votazzjoni konġunta tista' tiġi applikata skont l-Artikolu 48 jew l-Artikolu 54. Kull kumitat għandu jaħtar rapporteur wieħed.***

Emenda

2. F'dak il-każ, ir-rapporteurs rispettivi għandhom ifasslu abbozz ta' rapport uniku, li għandu jiġi eżaminat u li għandha ssir votazzjoni ***fuqu*** mill-kumitati involuti, ***taħt il-presidenza konġunta tal-Presidenti tal-kumitati. Il-presidenza tal-laqgħat għandha talterna bejn il-Presidenti tal-kumitati involuti, dment li ma jkunx ġie miftiehem mod ieħor bejn il-Presidenti.***

Fl-istadji kollha tal-proċedura, id-drittijiet relatati mal-istatus ta' kumitat responsabbli ***jistgħu*** jiġu eżerċitati mill-kumitati involuti ***biss*** meta jaġixxu b'mod konġunt. Il-kumitati involuti jistgħu jistabbilixxu gruppi ta' ħidma biex ***iħejju l-laqgħat*** u l-votazzjonijiet. ***Għall-kalkolu ta' kworums, maġġoranzi u limiti, il-kumitati kollha involuti għandhom jitqiesu li jikkostitwixxu kumitat wieħed.***

Emenda 44

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 58 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. **Fit-tieni** qari tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-pożizzjoni tal-Kunsill tiġi eżaminata **waqt laqgħa** konġunta tal-kumitati involuti **li, fin-nuqqas ta' qbil** bejn il-presidenti ta' dawn il-kumitati, **issir** nhar l-Erbgħa tal-ewwel ġimgħa prevista għal-laqgħat tal-korpi parlamentari wara **li tiġi kkomunikata l-pożizzjoni** tal-Kunsill lill-Parlament. Jekk ma jintlaħaqx ftehim dwar is-sejħa ta' laqgħa ulterjuri, din tissejjaħ mill-president tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-votazzjoni dwar **r-rakkomandazzjoni** għat-tieni qari **issir** f'laqgħa konġunta abbażi ta' abbozz konġunt **imħejji** mir-rapporteurs rispettivi tal-kumitati involuti jew, fin-nuqqas ta' **abbozz** konġunt, tal-emendi **preżentati** fil-kumitati involuti.

Emenda 45

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 58 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

Id-deċiżjonijiet **biex jibdew negozjati** għandhom jitħabbru fil-bidu tas-sessjoni parzjali li ssegwi l-adozzjoni tagħhom fil-kumitat. Sa tmiem il-jum **ta'** wara t-tħabbira fil-Parlament, għadd ta' Membri jew **grupppolitiku** jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju jistgħu jitolbu bil-miktub li deċiżjoni ta' kumitat għal dħul f'negozjati jittieħed vot fuqhom. Il-Parlament għandu **jivvota fuq dawn it-talbiet** matul l-istess sessjoni parzjali.

Emenda

3. **Fl-istadju tat-tieni** qari tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, il-pożizzjoni tal-Kunsill **għandha** tiġi eżaminata **f'laqgħa** konġunta tal-kumitati involuti. **Jekk ma jintlaħaq l-ebda ftehim** bejn il-Presidenti ta' **dawk** il-kumitati, **il-laqgħa konġunta għandha ssir** nhar l-Erbgħa tal-ewwel ġimgħa prevista għal-laqgħat tal-korpi parlamentari wara **l-komunikazzjoni tal-pożizzjoni** tal-Kunsill lill-Parlament. Jekk ma jintlaħaqx ftehim dwar is-sejħa ta' laqgħa ulterjuri, **kwalunkwe laqgħa bħal** din **għandha** tissejjaħ mill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-votazzjoni dwar **ir-rakkomandazzjoni** għat-tieni qari **għandha ssir** f'laqgħa konġunta abbażi ta' **test** konġunt **abbozzat** mir-rapporteurs rispettivi tal-kumitati involuti jew, fin-nuqqas ta' **test** konġunt, **abbażi** tal-emendi **mressqa** fil-kumitati involuti.

Emenda

Id-deċiżjonijiet **għal dħul f'negozjati** għandhom jitħabbru fil-bidu tas-sessjoni parzjali li ssegwi l-adozzjoni tagħhom fil-kumitat. Sa tmiem il-jum wara t-tħabbira fil-Parlament, għadd ta' Membri jew **grupppolitiku** jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju **jew kumitat li jkun ħareġ opinjoni skont l-Artikolu 56** jistgħu jitolbu bil-miktub li deċiżjoni ta' kumitat għal dħul f'negozjati jittieħed vot fuqhom. Il-Parlament għandu **mbagħad jipproċedi għal dik il-votazzjoni** matul l-istess

sessjoni parzjali.

Emenda 46

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 71 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ

Jekk ma *ssir* l-ebda talba sal-iskadenza stipulata fl-ewwel subparagrafu, il-President għandu jinforma lill-Parlament li dan huwa l-każ. Jekk issir talba, il-President jista', immedjatament qabel il-votazzjoni, jagħti d-dritt tal-kelma lil kelliem wieħed *favur* id-deċiżjoni *ta' kumitat għal dħul* f'negozjati *u kelliem wieħed kontra dik id-deċiżjoni*. Kull kelliem jista' jagħmel diskors ta' mhux aktar minn *żewġ minuti*.

Emenda 47

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 74 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. It-tim tan-negozjati tal-Parlament għandu jitmexxa mir-rapporteur u għandu *jiġi ppresedut* mill-president tal-kumitat responsabbli jew minn Viċi President innominat mill-president. *Huwa* għandu jinkludi *għall-anqas ix-shadow rapporteurs* minn kull grupp politiku li jixtieq jipparteċipa.

Emenda

Jekk ma *tiġi rċevuta* l-ebda talba *tali* sal-iskadenza stipulata fl-ewwel subparagrafu, il-President għandu jinforma lill-Parlament li dan huwa l-każ. Jekk issir talba, il-President jista', immedjatament qabel il-votazzjoni, jagħti d-dritt tal-kelma lil kelliem wieħed *minn kull grupp politiku biex jitkellem dwar* id-deċiżjoni *tal-kumitat li jidħol* f'negozjati. Kull kelliem jista' jagħmel diskors ta' mhux aktar minn *minuta*.

Emenda

1. It-tim tan-negozjati tal-Parlament għandu jitmexxa mir-rapporteur u għandu *jkun ippresedut* mill-President tal-kumitat responsabbli jew minn Viċi President innominat mill-President, *li jista' ma jkunx shadow rapporteur għar-rapport ikkonċernat. Jekk la l-President u lanqas il-Viċi President ma jkunu jistgħu jattendu laqgħa speċifika ta' negozjati mal-Kunsill u mal-Kummissjoni ("trilogu"), il-President tal-Kumitat għandu jinforma lill-President qabel ma ssir il-laqgħa li t-tim tan-negozjati se jkun ippresedut eċċezzjonalment mir-rapporteur f'dak it-trilogu.*

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 56a, it-tim tan-negozjati għandu jinkludi tal-anqas lix-shadow rapporteur minn kull grupp politiku li jixtieq jipparteċipa. Jekk ix-shadow rapporteur ma jkunx jista'

jattendi trilogu speċifiku, il-grupp politiku tiegħu jista' jaħtar Membru ieħor biex jissostitwixxi lix-shadow rapporteur.

Emenda 48

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 74 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. **Kull** dokument maħsub biex jiġi **eżaminat f'laqgħa mal-Kunsill u mal-Kummissjoni (“trilogu”)** għandu **jitqassam mat-tim** tan-negozjati tal-anqas 48 siegħa **qabel** jew, f'każijiet ta' urġenza, tal-anqas 24 siegħa qabel dak it-trilogu.

Emenda

2. **Kwalunkwe** dokument maħsub biex jiġi **diskuss fi trilogu** għandu **jiġi ċċirkolat lit-tim** tan-negozjati tal-anqas 48 siegħa jew, f'każijiet ta' urġenza, tal-anqas 24 siegħa qabel dak it-trilogu.

Emenda 49

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 74 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-kumitati kkonċernati skont ***l-Artikoli 57 u 58***, ir-regoli ***ddettaljati għall-ftuħ tan-negozjati u għat-tmexxija ta'*** tali negozjati għandhom jiġu ddeterminati mill-president tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati ***b'konformità*** mal-prinċipji stabbiliti ***f'dawk l-Artikoli***.

Emenda

5. F'każ ta' nuqqas ta' qbil ***relatat mal-ftuħ tan-negozjati u mat-tmexxija tan-negozjati*** bejn il-kumitati kkonċernati skont ***l-Artikolu 58***, ir-regoli ***dettaljati għal*** tali negozjati għandhom jiġu ddeterminati mill-President tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati ***f'konformità*** mal-prinċipji stabbiliti ***fl-Artikolu 58***.

Emenda 50

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Titolu II – Kapitulu 3 – Taqsima 4a (ġdida) – titolu

Test fis-seħħ

Emenda

TAQSIMA 4A
KUNFLITT TA' REGOLI

Emenda 51

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 78a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 78a

Kunflitt ta' regoli

Fil-każ ta' kunflitt bejn dispożizzjoni tar-Regoli ta' Proċedura relatata mat-tieni u mat-tielet qari u kwalunkwe dispożizzjoni oħra tar-Regoli, id-dispożizzjoni relatata mat-tieni u mat-tielet qari għandha tieħu preċedenza.

Emenda 52

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 94 – paragrafu 3a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

3a. L-emendi li jikkonċernaw proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji għandhom ikunu soġġetti għal valutazzjoni minn qabel tal-eżegwibbiltà mill-Kummissjoni, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba. Il-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji proposti marbuta direttament mar-rapporti li jkunu qed jitfasslu, jew mal-proposti li jkunu ġew adottati, f'konformità mal-Artikolu 47 għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni għal finijiet ta' informazzjoni.

Il-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji għandu jstabbilixxi, għal kull sena, il-proċedura u l-iskeda taż-żmien għall-valutazzjoni tal-eżegwibbiltà. Dik il-proċedura u l-iskeda taż-żmien għandhom jippermettu biżżejjed żmien għat-tħejjija tal-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit. Il-kumitat responsabbli għall-kwistjonijiet baġitarji

għandu jibgħat biss proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji proposti lill-Kummissjoni meta dawk il-proposti jkollhom l-appoġġ ta' kumitat, grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx.

Emenda 53

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 94 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. Il-kumitat responsabbli għandu jivvota *dwar* l-emendi qabel ma jiġu diskussi fil-Parlament.

Emenda

4. Il-kumitat responsabbli għandu jivvota *fuq* l-emendi *baġitarji kollha* qabel ma *dawn* jiġu diskussi fil-Parlament. *L-emendi li jintroduċu proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji marbuta direttament mar-rapporti li jkunu qed jitfasslu, jew mal-proposti li jkunu ġew adottati, f'konformità mal-Artikolu 47 għandhom jingħataw prijorità fil-votazzjoni.*

Emenda 54

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 99 – interpretazzjoni (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

L-għoti ta' kwittanza lill-Kummissjoni jinkludi strumenti mhux ifffinanzjati b'mod tradizzjonali, strumenti barra l-baġit u strumenti ibridi bbażati fuq il-prestazzjoni. Peress li tali strumenti jirrikjedu qafas ta' kontroll speċjali, il-kumitat responsabbli għal dak li għandu x'jaqsam mal-kwittanza jrid ikun assoċjat b'mod sistematiku mal-eżami ta' dawk l-istrumenti f'konformità mal-Artikolu 56.

Emenda 55

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 113 – titolu

Test fis-seħħ

Eżami *taħt il-proċedura b' kumitati assoċjati jew il-proċedura b'kumitati konġunti*

Emenda

Eżami *fl-ambitu tal-proċedura b'laqgħat konġunti ta' kumitati*

Emenda 56

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 113 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Jekk l-att leġiżlattiv ta' bażi jkun ġie adottat mill-Parlament permezz tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 57, id-dispożizzjonijiet kumplimentarji li ġejjin għandhom japplikaw għall-eżami ta' atti delegati u abbozzi ta' atti jew ta' miżuri ta' implimentazzjoni:

– *l-att delegat jew l-abbozz ta' att jew ta' miżura ta' implimentazzjoni għandu jintbagħat lill-kumitat responsabbli u lill-kumitat assoċjat;*

– *il-president tal-kumitat responsabbli għandu jstabilixxi l-iskadenza sa meta l-kumitat assoċjat jista' jifformula proposti relatati mal-punti li jaqgħu taħt il-kompetenza esklużiva tiegħu jew il-kompetenza konġunta taż-żewġ kumitati;*

– *jekk l-att delegat jew l-abbozz ta' att jew ta' miżura ta' implimentazzjoni jaqgħu essenzjalment taħt il-kompetenza esklużiva tal-kumitat assoċjat, il-kumitat responsabbli għandu jaċċetta il-proposti mingħajr votazzjoni; jekk il-kumitat responsabbli jonqos milli jirrispetta dan l-Artikolu, il-President jista' jawtorizza lill-kumitat assoċjat iressaq mozzjoni għal riżoluzzjoni lill-Parlament.*

imħassar

Emenda

Emenda 57

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 118 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Il-kumitat responsabbli jista' jfassal abbozz ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar suġġetti li jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (l-azzjoni esterna tal-Unjoni) jew f'każijiet *fejn* ftehim internazzjonali jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 114 ma jkunx ġie riferut lill-Parlament jew il-Parlament ma jkunx ġie infurmat bih skont l-Artikolu 115.

Emenda 58

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 118 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Waqt il-proċedura għall-adozzjoni ta' dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet fl-istadju tal-kumitati, għandu jkun meħtieġ li jittieħed vot fuq test bil-miktub.

Emenda 59

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 118 – paragrafu 6

Emenda

1. ***F'konformità mal-Artikolu 54, il-paragrafi 1 u 2***, il-kumitat responsabbli jista' jfassal abbozz ta' rakkomandazzjonijiet lill-Kunsill, lill-Kummissjoni jew lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar suġġetti li jaqgħu taħt it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (l-azzjoni esterna tal-Unjoni), jew f'każijiet *meta* ftehim internazzjonali jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 114 ma jkunx ġie riferut lill-Parlament jew il-Parlament ma jkunx ġie infurmat bih skont l-Artikolu 115.

Emenda

3. Waqt il-proċedura għall-adozzjoni ta' dawk l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet fl-istadju tal-kumitati, għandu jkun meħtieġ li jittieħed vot fuq test bil-miktub. ***Kumitati oħra jistgħu jagħtu opinjoni lill-kumitat responsabbli f'konformità mal-Artikolu 56.***

Test fis-seħħ

6. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew adottati ħlief jekk, qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali, grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx iressqu oġġezzjoni bil-miktub. **Fejn** titressaq tali oġġezzjoni, l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet tal-kumitat għandu jiġi inkluż **fl-aġenda** tal-istess **seduta** parzjali. **Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu** s-suġġett ta' dibattitu, u **kull** emenda mqiegħda fuq il-Mejda minn grupp politiku jew minn għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx għandu jittieħed vot **fuqhom**.

Emenda 60

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 123a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

6. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jitqiesu li ġew adottati ħlief jekk, qabel il-bidu tas-sessjoni parzjali, grupp politiku jew għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx iressqu oġġezzjoni bil-miktub. **Meta** titressaq tali oġġezzjoni, l-abbozz ta' rakkomandazzjonijiet tal-kumitat għandu jiġi inkluż **fuq l-aġenda** tal-istess **sessjoni** parzjali. **Tali rakkomandazzjonijiet jistgħu jkunu** s-suġġett ta' dibattitu, u **kwalunkwe** emenda mqiegħda fuq il-Mejda minn grupp politiku jew minn għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx għandu jittieħed vot **fuqha**.

Emenda

Artikolu 123a

Kooperazzjoni mal-kumitati jew fil-kuntest ta' seduti ta' smigħ ta' skrutinju speċjali

Rappreżentant ta' istituzzjoni jew korp tal-Unjoni u kwalunkwe persuna oħra għandhom ikunu mistennija jikkooperaw f'każ ta' talbiet biex jattendu laqgħat tal-kumitati u seduti ta' smigħ speċjali ta' skrutinju kif ukoll biex jipprovdu dokumenti rilevanti lill-kumitati u għal tali seduti ta' smigħ. Fil-każ ta' nuqqas ta' kooperazzjoni, kumitat jew President ta' seduta ta' smigħ ta' skrutinju speċjali jista' jitlob lill-President jieħu azzjoni. Il-President, wara li jikkonsulta l-Konferenza tal-Presidenti, għandu jiddeċiedi japplikax miżura waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(a) struzzjoni lis-Segretarju Ġenerali

biex jikseb awtorizzazzjoni mill-Kwesturi biex jiġu rtirati jew diżattivati badges ta' aċċess fit-tul f'konformità mal-Artikolu 123(3);

(b) dikjarazzjoni formali li tesprimi n-nuqqas ta' sodisfazzjon tal-Parlament;

(c) talba lill-istituzzjoni jew lill-korp rilevanti tal-Unjoni jew lil kwalunkwe organizzazzjoni oħra biex jibagħtu rappreżentant għal laqgħa tal-Konferenza tal-Presidenti biex jispjega r-rifjut tagħhom;

(d) kwalunkwe miżura oħra xierqa.

Emenda 61

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Titolu V – titolu

Test fis-seħħ

RELAZZJONIJIET MA'
ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA

Emenda

RELAZZJONIJIET MA'
ISTITUZZJONIJIET U KORPI OĦRA ***U
RESPONSABBILTÀ POLITIKA***

Emenda 62

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 125 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Il-President għandu jistieden lill-President elett tal-Kummissjoni biex jgħarraf lill-Parlament dwar l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet (portafolli) fil-Kulleġġ tal-Kummissarji propost f'konformità mal-linji gwida politiċi tal-President elett.

Emenda

1. Il-President għandu jistieden lill-President elett tal-Kummissjoni biex jgħarraf lill-Parlament dwar ***l-istruttura ppjanata tal-Kummissjoni l-ġdida u*** l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet (portafolli) fil-Kulleġġ tal-Kummissarji ***l-ġdid*** propost f'konformità mal-linji gwida politiċi tal-President elett ***kif ukoll dwar kwistjonijiet orizzontali oħra, inkluż il-bilanċ bejn il-ġeneri f'dak il-Kulleġġ.***

Emenda 63

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 125 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu mmexxija mill-kumitati. B'mod eċċezzjonali, seduta ta' smigħ tista' ssir f'format differenti meta Kummissarju nnominat ikollu responsabbiltajiet li huma primarjament orizzontali, sakemm tali seduta ta' smigħ tinvolvi l-kumitati responsabbli.

Is-seduti ta' smigħ għandhom isiru fil-pubbliku

Emenda

3. Is-seduti ta' smigħ **ta' konferma** għandhom ikunu mmexxija mill-kumitati. B'mod eċċezzjonali, seduta ta' smigħ **ta' konferma** tista' ssir f'format differenti meta Kummissarju nnominat ikollu responsabbiltajiet li huma primarjament orizzontali, sakemm tali seduta ta' smigħ **ta' konferma** tinvolvi l-kumitati responsabbli.

Is-seduti ta' smigħ **ta' konferma** għandhom isiru fil-pubbliku

(L-emenda tapplika għat-test kollu: “seduti ta' smigħ” sostitwita b’“seduti ta' smigħ ta' konferma” fl-Artikolu 125 kollu u fl-Anness VII kollu)

Emenda 64

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 133a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 133a

Dikjarazzjonijiet li jispjegaw l-użu tal-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea bħala bażi legali

1. ***Meta l-Kummissjoni tippjana li tadotta proposta għal att legali bbażata fuq l-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-President għandu jistieden lill-President tal-Kummissjoni biex jagħmel dikjarazzjoni lill-Parlament fejn jispjega r-raġunijiet għall-għażla ta' dik il-bażi legali, kif ukoll jiddeskrivi l-oġġettivi u l-elementi ewlenin tal-proposta. Id-dikjarazzjoni għandha ssir qabel l-***

adozzjoni formali tal-proposta mill-Kummissjoni. Fin-nuqqas ta' dan, din għandha tiġi inkluża fl-abbozz tal-aġenda tal-ewwel sessjoni parzjali wara l-adozzjoni tal-proposta mill-Kummissjoni, sakemm il-Konferenza tal-Prezidenti ma tiddeċidix mod ieħor. Il-Konferenza tal-Prezidenti għandha tiddeċiedi jekk id-dikjarazzjoni għandhiex tiġi segwita minn dibattitu. L-Artikolu 132(2) sa (8) rigward it-tqegħid fuq il-Mejda ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet u l-votazzjoni fuqhom għandu japplika mutatis mutandis.

Meta tali dikjarazzjoni ma titqeghid fuq l-aġenda tal-ewwel sessjoni parzjali wara l-adozzjoni tal-proposta msemija fl-ewwel subparagrafu, il-kumitat responsabbli għas-suġġett għandu jistieden lill-Kummissarju responsabbli biex jipprovi l-informazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu f'waħda mill-laqgħat tiegħu li jkun imiss.

2. Il-President għandu jirreferi l-proposta lill-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali għal verifika tal-bażi legali. Jekk dak il-kumitat jiddeċiedi li jikkontesta l-validità, jew l-adeqwatezza, tal-bażi legali, għandu jirrapporta l-konklużjonijiet tiegħu lill-Parlament, jekk ikun meħtieġ bil-fomm. Għandu japplika l-Artikolu 149(3) sa (5).

3. Meta proposta għal att legali bbażata fuq l-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jkollha implikazzjonijiet potenzjali apprezzabbli għall-baġit tal-Unjoni, il-Parlament għandu jitlob li tinbeda l-proċedura ta' skrutinju baġitarju prevista fid-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni^{27a}.

Id-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat Konġunt prevista fid-dikjarazzjoni konġunta msemija fl-ewwel subparagrafu għandha tkun magħmula minn membru wieħed tal-kumitat tiegħu responsabbli għal

kwistjonijiet baġitarji minn kull grupp politiku u membru wieħed minn kwalunkwe kumitat responsabbli għas-suġġett.

4. Mhux aktar kmieni minn tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ tal-att legali bbażat fuq l-Artikolu 122 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'intervalli xierqa minn hemm 'il quddiem, il-President għandu jistieden lill-Kummissarju responsabbli biex jagħmel dikjarazzjoni lill-Parlament li tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-att legali kkonċernat u dwar il-ħtieġa li jinżammu d-dispożizzjonijiet tiegħu fid-dawl tar-rekwiżiti tat-Trattati. Il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika mutatis mutandis.

^{27a} ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 5.

Emenda 65

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Titolu V – Kapitolu 3 – titolu**

Test fis-seħħ

MISTOQSIJET PARLAMENTARI

Emenda

**SEDUTI TA' SMIGĦ TA' SKRUTINJU
SPEĊJALI U MISTOQSIJET
PARLAMENTARI**

Emenda 66

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 135a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 135a

Seduti ta' smigħ ta' skrutinju speċjali

1. Sabiex tistaqsi mistoqsijiet lil Kummissarju wieħed jew aktar, jew lil kwalunkwe persuna rilevanti oħra, dwar

kwistjoni ta' importanza politika kbira, il-Konferenza tal-Presidenti tista', fuq proposta tal-President, ta' kumitat jew ta' Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu medju, tlaqqa' fi żmien qasir seduta ta' smigħ ta' skrutinju speċjali.

2. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddetermina n-numru ta' Membri li għandhom jinħatru għal seduta ta' smigħ ta' skrutinju speċjali mill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati. Meta rilevanti, il-gruppi politiċi għandhom jiżguraw li l-kumitati kkonċernati jkunu rappreżentati kif xieraq.

3. Seduta ta' smigħ ta' skrutinju speċjali għandha tkun ippreseduta mill-President jew, b'delegazzjoni, minn wieħed mill-Viċi Presidenti. Din għandha tkun kompletament pubblika sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-Konferenza tal-Presidenti.

4. Il-ħin għad-diskorsi allokat lil grupp politiku għandu jiġi ttrattat bħala blokka ta' ħin. Kull grupp politiku għandu jqassam il-ħin li għandu allokat għad-diskorsi fil-blokka ta' ħin tiegħu bejn dawk il-membri tal-grupp tiegħu li jkunu qed jipparteċipaw fis-seduta ta' smigħ. Il-ħin għad-diskorsi allokat lill-Membri mhux affiljati ma għandux jitqies bħala blokka ta' ħin.

5. Jista' jiġi allokat ħin għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet lil grupp politiku bħala blokka ta' ħin. Kull grupp politiku għandu jagħmel użu liberu minn dak il-ħin. Matul il-ħin allokat bħala blokka ta' ħin, ir-rwol tal-President tas-seduta ta' smigħ għandu jkun limitat għaż-żamma tal-ordni u għall-iżgurar tal-osservanza tal-istandards ta' kondotta stabbiliti fl-Artikolu 10.

6. Il-persuni interpellati biex jinstemgħu għandhom jiġu mistiedna mill-President u l-Artikolu 123a għandu japplika f'każ li l-istedina tiġi rrifjutata

mingħajr ġustifikazzjoni suffiċjenti. Il-President tas-seduta ta' smigħ jista' jistieden lill-persuna biex tinstema' taħt ġurament. Ħadd ma għandu jkun obligat li jinstema' taħt ġurament, iżda għandha tittieħed nota formali meta persuna tirrorifjuta li tinstema' taħt ġurament.

7. Wara l-konklużjoni tas-seduta ta' smigħ ta' skrutinju speċjali, il-President tagħha jista' jippreżenta lill-Konferenza tal-Presidenti rakkomandazzjonijiet bil-miktub f'isem il-Membri li jkunu pparteċipaw fis-seduta ta' smigħ.

Emenda 67

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 137 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Jista' jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet ***lill-Kummissarji*** f'kull sessjoni parzjali għal tul sa madwar 90 minuta dwar tema orizzontali speċifika waħda jew aktar minn waħda deċiżi minn qabel mill-Konferenza tal-Presidenti, u mhux aktar tard mill-Ħamis qabel is-sessjoni rilevanti.

Emenda

1. Jista' jkun hemm ħin għall-mistoqsijiet ***lil Kummissarju wieħed jew aktar*** f'kull sessjoni parzjali għal tul sa madwar 90 minuta dwar tema orizzontali speċifika waħda jew aktar minn waħda deċiżi minn qabel mill-Konferenza tal-Presidenti, u mhux aktar tard mill-Ħamis qabel is-sessjoni rilevanti. ***Il-Kummissarji mistiedna mill-Konferenza tal-Presidenti biex jipparteċipaw fil-Ħin għall-Mistoqsijiet għandu jkollhom portafoll relatat mat-tema jew it-temi li jkunu se jsiru mistoqsijiet dwarhom.***

Emenda 68

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 137 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. ***Il-Kummissarji mistiedna mill-Konferenza tal-Presidenti biex jipparteċipaw għandu jkollhom portafoll***

Emenda

(imħassar)

relatat mat-tema jew it-temi orizzontali speċifiċi li dwarhom ikunu se jsiru mistoqsijiet. In-numru ta' Kummissarji li għandhom jiġu mistiedna għandu jkun limitat għal tnejn għal kull sessjoni parzjali. Madankollu, għandu jkun possibbli li jiġi mistieden it-tielet Kummissarju, skont it-tema jew temi magħżula għall-ħin għall-mistoqsijiet.

Emenda 69

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 137 – paragrafu 2a (ġdid)**

Test fis-seħħ

Emenda

2a. Bħala regola ġenerali, darba kull sessjoni parzjali, għandha ssir sessjoni ta' skrutinju speċjali mal-President tal-Kummissjoni jew mal-Kummissarji magħżula mingħajr tema definita minn qabel.

Emenda 70

**Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew
Artikolu 137 – paragrafu 3**

Test fis-seħħ

Emenda

3. Il-Ħin għall-Mistoqsijiet jista' jiġi organizzat ukoll, skont it-termini stipulati fil-paragrafu 1, mal-President tal-Kunsill Ewropew, mal-Presidenza tal-Kunsill, mal-President tal-Kummissjoni, mal-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà **u** mal-President tal-Grupp tal-euro.

3. Il-Ħin għall-Mistoqsijiet jista' jiġi organizzat ukoll, skont it-termini stipulati fil-paragrafu 1, mal-President tal-Kunsill Ewropew, mal-Presidenza tal-Kunsill, mal-President tal-Kummissjoni, **mal-kulleġġ sħiħ ta' Kummissarji jew kategoriji speċifiċi ta' Kummissarji**, mal-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, mal-President tal-Grupp tal-euro **u kwalunkwe rappreżentat rilevanti ieħor ta' istituzzjonijiet u korpi tal-Unjoni.**

Emenda 71

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 137 – paragrafu 5a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

5a. Jista' jiġi allokat ħin għall-mistoqsijiet u t-tweġibiet lil grupp politiku bħala blokka ta' ħin. Kull grupp politiku għandu jagħmel użu liberu minn dak il-ħin. Matul il-ħin allokat bħala blokka ta' ħin, ir-rwol tal-President għandu jkun limitat għaż-żamma tal-ordni u għall-iżgurar tal-osservanza tal-istandards ta' kondotta stabbiliti fl-Artikolu 10. F'dak il-każ, għandhom japplikaw il-paragrafi 4 u 5.

Emenda 72

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 137 – paragrafu 6a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

6a. Il-Membri ma għandhomx ikollhom siġġijiet allokat minn qabel u għandhom jiġu mħeġġa biex ipoġġu fuq in-naħa ta' quddiem tal-Kamra.

Emenda 73

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 150 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

Emenda

3. Kumitat jista' jidħol fi djalogu direttament ma' parlamenti nazzjonali fil-livell ta' kumitati, fil-limiti tal-appropriazzjonijiet baġitarji allokat għal dak il-għan. Dan jista' jinkludi forom xierqa ta' kooperazzjoni pre-leġiżlattiva u post-leġiżlattiva.

3. Kumitat jista' jidħol fi djalogu direttament ma' parlamenti nazzjonali fil-livell ta' kumitati, fil-limiti tal-appropriazzjonijiet baġitarji allokat għal dak il-għan. Dan jista' jinkludi forom xierqa ta' kooperazzjoni pre-leġiżlattiva u post-leġiżlattiva, **inkluż l-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni u l-**

Emenda 74

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 154 – paragrafu 4a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

4a. Il-Konferenza tal-Prezidenti tista' tiddeċiedi, fuq proposta minn kumitat jew Membri jew grupp jew gruppi politiċi li jilħqu tal-anqas il-limitu għoli, li torganizza sessjonijiet parzjali ad hoc dwar kwistjonijiet ta' importanza politika sinifikanti. Fit-tali każijiet ma tista' ssir l-ebda sessjoni ta' votazzjoni.

Il-President għandu jlaqqa' l-Parlament wara d-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti.

Emenda 75

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 158 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

1. Fil-bidu ta' kull sessjoni parzjali, il-Parlament għandu jadotta l-aġenda tiegħu. **Emendi għall-aħħar abbozz tal-aġenda jistgħu jkunu proposti minn xi kumitat, minn grupp politiku jew minn għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx.** Kwalunkwe **proposta** tali trid tiġi riferuta lill-President mhux anqas minn siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali. Il-President jista' jagħti l-kelma lil min iressaq l-emenda, u lil kelliem wieħed kontra, u f'kull każ għal mhux iżjed minn minuta.

1. Fil-bidu ta' kull sessjoni parzjali, il-Parlament għandu jadotta l-aġenda tiegħu. **Kumitat, grupp politiku jew mill-inqas wieħed minn kull għaxar Membri jistgħu jipproponu emenda waħda għall-abbozz tal-aġenda finali b'reazzjoni għal avvenimenti jew żviluppi politiċi, li rriżultaw wara l-adozzjoni tal-abbozz ta' aġenda finali.** Kwalunkwe **emenda** tali trid tiġi riferuta lill-President mhux anqas minn siegħa qabel il-ftuħ tas-sessjoni parzjali. Il-President jista' jagħti l-kelma lil min iressaq l-emenda, u lil kelliem wieħed kontra, u f'kull każ għal mhux iżjed minn minuta.

Emenda 76

Ir-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 160a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 160a

Dibattiti dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' interess għall-Unjoni Ewropea - dikjarazzjonijiet tal-Parlament

- 1. Il-Parlament jista' jqiegħed fuq l-aġenda dibattiti dwar kwistjonijiet speċifiċi ta' interess għall-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-Artikoli 157 u 158.*
- 2. L-Artikolu 132(2) sa (8) rigward it-tqegħid fuq il-Mejda ta' mozzjonijiet għal riżoluzzjonijiet u l-votazzjoni fuqhom għandu japplika mutatis mutandis.*

Emenda 77

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 163 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

1. Talba sabiex *dibattitu* dwar xi proposta ppreżentata lill-Parlament skont l-Artikolu 48(1) *jitqies* bħala *urġenti* tista' ssir lill-Parlament mill-President, minn xi kumitat, minn xi grupp politiku, minn għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandhom jingħataw *r-raġunijiet* għala qed issir.

1. Talba sabiex *tittieħed deċiżjoni b'mod urġenti* dwar xi proposta ppreżentata lill-Parlament skont l-Artikolu 48(1) bħala *riżultat ta' żviluppi mhux previsti* tista' ssir lill-Parlament mill-President, minn xi kumitat, minn xi grupp politiku, minn għadd ta' Membri li jilħqu tal-anqas il-limitu baxx, mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill. Din it-talba għandha ssir bil-miktub u għandhom jingħataw *ir-raġunijiet* għala qed issir. *Għal talbiet mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill, id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għandu jkun fiha ġustifikazzjoni dettaljata ta' kull proposta u, meta xieraq, indikazzjoni preċiża ta' skadenzi legalment meħtieġa għall-adozzjoni jew id-dħul fis-seħħ tal-att legalment vinkolanti propost.*

Emenda 78

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 163 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. ***Malli l-President jirċievi talba għal dibattitu urġenti huwa għandu jħabbar dan fil-Parlament.*** Il-vot fuq it-talba għandu jittieħed fil-bidu tas-seduta li tiġi wara s-seduta li fiha tkun saret it-tħabbira, sakemm il-proposta li tikkonċerna t-talba tkun tqassmet bil-lingwi uffiċjali lill-Membri. Meta jkun hemm diversi talbiet għal ***dibattitu*** urġenti dwar l-istess suġġett, l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għal ***dibattitu*** urġenti għandhom japplikaw għat-talbiet kollha ***dwar dak l-istess suġġett.***

Emenda

2. ***Talbiet għal deċiżjoni urġenti għandhom jiħabbru fil-Parlament malajr kemm jista' jkun wara li jaslu għand il-President.*** Il-vot fuq it-talba għandu jittieħed fil-bidu tas-seduta li tiġi wara s-seduta li fiha tkun saret it-tħabbira, sakemm il-proposta li tikkonċerna t-talba tkun tqassmet bil-lingwi uffiċjali lill-Membri. Meta jkun hemm diversi talbiet għal ***deċiżjoni*** urġenti dwar l-istess suġġett, l-approvazzjoni jew iċ-ċaħda tat-talba għal ***deċiżjoni*** urġenti għandhom japplikaw għat-talbiet kollha.

Emenda 79

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 163 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Qabel il-votazzjoni, jistgħu jinstemgħu biss min iressaq it-talba u kelliem wieħed kontra kif ukoll il-president jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jew it-tnejn. F'kull każ dawn ma jistgħux jitkellmu għal iżjed minn tliet minuti.

Emenda

3. Qabel il-votazzjoni ***dwar it-talba għal deċiżjoni urġenti***, jistgħu jinstemgħu biss min iressaq it-talba u kelliem wieħed kontra kif ukoll il-president jew ir-rapporteur tal-kumitat responsabbli, jew it-tnejn. F'kull każ dawn ma jistgħux jitkellmu għal iżjed minn tliet minuti.

Emenda 80

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 163 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. ***Kwistjonijiet li għandhom ikunu trattati bi proċedura urġenti għandhom***

Emenda

4. ***Meta t-talba għal deċiżjoni urġenti tiġi approvata, il-punt għandu jingħata***

jingħataw prijorità fuq punti oħra tal-aġenda. Il-President għandu jistabbilixxi l-ħin tad-dibattitu u tal-votazzjoni.

prijorità fuq punti oħra tal-aġenda. Il-President għandu jistabbilixxi l-ħin tad-dibattitu, **meta jkun xieraq**, u **l-ħin** tal-votazzjoni.

Emenda 81

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 163 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. **Proċedura urġenti tista' ssir mingħajr rapport jew, f'każi eċċezzjonali, abbażi ta' rapport orali mill-kumitat responsabbli.**

Fejn tintuża proċedura urġenti u jsiru negozjati interistituzzjonali, l-Artikoli 70 u 71 ma għandhomx japplikaw. L-Artikolu 74 għandu japplika mutatis mutandis.

Emenda 82

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 163 – paragrafu 5a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

5. **Il-Parlament għandu jieħu d-deċiżjoni urġenti dwar il-proposta fuq il-bażi ta' rapport mill-kumitat responsabbli f'konformità mar-regoli normalment applikabbli u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-urġenza tal-kwistjoni. F'każ bħal dan, l-eżami tal-proposta għandu jingħata prijorità fuq punti oħra tal-aġenda tal-kumitat u l-kumitat responsabbli għandu, meta jkun xieraq, japplika l-proċedura simplifikata skont l-Artikolu 52.**

5a. **Jekk mitlub mill-President, minn kumitat, minn grupp politiku, jew minn Membri li jilhqqu tal-anqas il-livell baxx, il-Parlament jista' jiddeċiedi b'mod eċċezzjonali li jieħu d-deċiżjoni urġenti dwar il-proposta mingħajr rapport jew abbażi ta' rapport orali mill-kumitat responsabbli. F'tali każijiet, jekk isiru negozjati interistituzzjonali, l-Artikoli 70 u 71 ma għandhomx japplikaw u l-Artikolu 74 għandu japplika mutatis mutandis.**

Emenda 83

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 167 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. ***F'laqgħat tal-kumitati u delegazzjonijiet*** li ma jsirux fil-postijiet normali tax-xogħol, l-interpretazzjoni għandha tiġi pprovduta f' dawk il-lingwi tal-membri li jkunu kkonfermaw l-attendenza għal dawn il-laqgħat. ***Arranġamenti aktar flessibbli*** jistgħu jsiru ***f'każi*** eċċezzjonali. Il-Bureau għandu jadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa.

Emenda

4. ***Matul missjonijiet*** li ma jsirux fil-postijiet normali tax-xogħol, l-interpretazzjoni għandha tiġi pprovduta f' dawk il-lingwi tal-membri li jkunu kkonfermaw l-attendenza għal dawn il-laqgħat. ***Dawn l-arranġamenti għandhom jiġu ddeterminati abbażi tal-Kodiċi ta' Kondotta dwar il-multilingwiżmu u*** jistgħu jsiru ***aktar flessibbli f'każi*** eċċezzjonali. Il-Bureau għandu jadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa.

Emenda 84

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 171 – titolu

Test fis-seħħ

Allokazzjoni ta' ħin għad-diskorsi ***u lista tal-kelliema***

Emenda

Allokazzjoni ta' ħin għad-diskorsi

Emenda 85

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 171 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ

3. Kelliema li l-interventi tagħhom huma previsti fuq il-lista tal-kelliema għandhom jitmellmu mir-rostru ċentrali. Kelliema b' diżabilità jistgħu jitmellmu minn posthom jekk jippreferu.

Emenda

3. Kelliema li l-interventi tagħhom huma previsti fuq il-lista tal-kelliema għandhom jitmellmu mir-rostru ċentrali, ***sakemm il-President ma jiddeċidix mod ieħor meta jkun xieraq***. Kelliema b' diżabilità jistgħu jitmellmu minn posthom jekk jippreferu.

Emenda 86

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 171 – paragrafu 4

Test fis-seħħ

4. Għall-ewwel parti ta' dibattitu partikolari, il-President jista' jagħmel lista ta' kelliema li tkun tinkludi dawra waħda jew aktar ta' kelliema minn kull grupp politiku li jkun jixtieq jitkellem, f'ordni skont id-daqs relattiv ta' dawg il-gruppi politiċi.

Emenda

4. Għall-ewwel parti ta' dibattitu partikolari, il-President jista' jagħmel lista ta' kelliema li tkun tinkludi dawra waħda jew aktar ta' kelliema minn kull grupp politiku li jkun jixtieq jitkellem, f'ordni skont id-daqs relattiv ta' dawg il-gruppi politiċi. ***Il-ħin għad-diskorsi allokat lill-gruppi politiċi għandu jkun fi proporzjon man-numru totali tal-membri tagħhom. Il-ħin għad-diskorsi għal dibattiti ewlenin għandu jkun mill-inqas ta' żewġ minuti għal kull kelliem.***

Emenda 87

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 171 – paragrafu 5 – punt c

Test fis-seħħ

(c) il-Membri ***mhux affiljati*** għandhom jiġu allokati ħin totali għad-diskorsi li jkun ibbażat fuq il-partijiet allokati lil kull grupp politiku skont ***il-punti (a) u (b)***;

Emenda

(c) il-Membri ***li ma jagħmlux parti minn grupp politiku*** għandhom jiġu allokati ħin totali għad-diskorsi li jkun ibbażat fuq il-partijiet allokati lil kull grupp politiku skont ***il-punt (b), fi proporzjon man-numru totali ta' Membri mhux affiljati sal-għadd ta' Membri previst fl-Artikolu 33(2)***;

Emenda 88

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 171 – paragrafu 7

Test fis-seħħ

7. Il-bqija tal-ħin maħsub għad-dibattitu m'għandux jiġi allokat b'mod speċifiku minn qabel. Minflok, il-President jista' jistieden lill-Membri biex jitkellmu,

Emenda

7. Il-bqija tal-ħin maħsub għad-dibattitu m'għandux jiġi allokat b'mod speċifiku minn qabel. Minflok, il-President jista' jistieden lill-Membri biex jitkellmu,

bħala regola ġenerali għal mhux aktar minn minuta. Il-President għandu, sa fejn ikun possibbli, jiżgura li kelliema li għandhom opinjonijiet politiċi differenti u li jkunu minn Stati Membri differenti jitmellmu wara xulxin.

bħala regola ġenerali għal mhux aktar minn minuta. Il-President għandu, sa fejn ikun possibbli, jiżgura li kelliema li għandhom opinjonijiet politiċi differenti u li jkunu minn Stati Membri differenti jitmellmu wara xulxin. ***Il-ħin għad-diskorsi allokat lill-kelliema mill-gruppi politiċi għandu jkun fi proporzjon man-numru totali tal-membri tagħhom. Il-parti tal-ħin li jifdal għad-dibattitu għandha tikkostitwixxi 20 % tal-ħin għad-dibattiti ewlenin. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tistabbilixxi l-ammont ta' dak il-ħin li jifdal għad-dibattiti l-oħra kollha.***

Emenda 89

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 171 – paragrafu 8a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

8a. Bħala regola ġenerali, il-Membri għandhom ikunu preżenti għad-dibattitu li fih ikunu skedati li jitmellmu jew li fih jixtiequ jitmellmu.

Emenda 90

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 171 – paragrafu 9

Test fis-seħħ

Emenda

9. Il-President jista' jagħti l-kelma lill-Membri li juru, billi jgħollu karta blu, ix-xewqa tagħhom li jressqu mistoqsija ta' mhux aktar minn nofs minuta lil Membru ieħor waqt id-diskors tiegħu li tkun marbuta ma' dak li jkun qal il-Membru. Il-President jista' jagħmel dan jekk il-kelliem jaqbel u jekk il-President ikun sodisfatt li dan ma jkun la se jfixkel id-dibattitu u lanqas, permezz ta' mistoqsijiet suċċessivi mressqa permezz ta' karti blu, ma jwassal għal żbilanċ drastiku fl-affinitajiet tal-grupp politiku ta' Membri li jitmellmu

9. Il-President jista' jagħti l-kelma lill-Membri li juru, billi jgħollu karta blu ***jew billi jużaw is-sistema elettronika***, ix-xewqa tagħhom li jressqu mistoqsija ta' mhux aktar minn nofs minuta lil Membru ieħor waqt id-diskors tiegħu li tkun marbuta ma' dak li jkun qal il-Membru. Il-President jista' jagħmel dan jekk il-kelliem jaqbel u jekk il-President ikun sodisfatt li dan ma jkun la se jfixkel id-dibattitu u lanqas, permezz ta' mistoqsijiet suċċessivi mressqa permezz ta' karti blu, ma jwassal għal żbilanċ drastiku fl-affinitajiet tal-grupp

f'dak id-dibattitu. Il-membri li **jqajjem karta** blu u l-kelliem m'għandhomx ikunu mill-istess grupp politiku, u t-tnejn li huma m'għandhomx ikunu Membri mhux affiljati. Soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fit-tieni sentenza, applikati *mutatis mutandis*, il-President jista' jippermetti lill-Membri li jkun għamel tali mistoqsija jirreaġixxi għat-tweġiba tal-kelliem għal mhux aktar minn nofs minuta. Il-kelliem jista' mbagħad isegwi dik ir-reazzjoni.

politiku ta' Membri li jittkellmu f'dak id-dibattitu. Il-membri li **jgħolli l-karta** blu u l-kelliem m'għandhomx ikunu mill-istess grupp politiku, u t-tnejn li huma m'għandhomx ikunu Membri mhux affiljati. Soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fit-tieni sentenza, applikati *mutatis mutandis*, il-President jista' jippermetti lill-Membri li jkun għamel tali mistoqsija jirreaġixxi għat-tweġiba tal-kelliem għal mhux aktar minn nofs minuta. Il-kelliem jista' mbagħad isegwi dik ir-reazzjoni.

Emenda 91

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 207 – paragrafu -1 (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

-1. Membri jew grupp politiku jew gruppi politiċi li jilhqgħu tal-anqas il-limitu għoli jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jitolbu lill-Konferenza tal-Presidenti tippromponi lill-Parlament it-twaqqif ta' kumitat speċjali.

Emenda 92

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 207 – paragrafu -1a (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

-1a. Qabel ma tiegħu deċiżjoni dwar tali talba, il-Konferenza tal-Presidenti tista' tistaqsi għal-rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati.

Emenda 93

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 207a (ġdid)

Artikolu 207a

Kumitati leġiżlattivi temporanji

1. **Meta jirriżulta mill-proċedura fl-Artikolu 48 jew fl-Artikolu 54 li kwistjoni taqa' taħt il-kompetenza ta' aktar minn tliet kumitati, mingħajr il-kompetenza ta' kwalunkwe kumitat prevalenti, il-Konferenza tal-Presidenti tista' bħala l-aħħar għażla, fuq il-bażi ta' rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, tipproponi lill-Parlament l-istabbiliment ta' kumitat leġiżlattiv temporanju biex jittratta proposta speċifika għal att legalment vinkolanti jew dokument strateġiku preleġiżlattiv. Ir-rakkomandazzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tindika l-kumitati responsabbli għall-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni.**

2. **Il-kompożizzjoni numerika ta' kumitat leġiżlattiv temporanju għandha tiġi deċiża mill-Parlament, abbażi ta' proposta mill-Konferenza tal-Presidenti. Il-mandat tiegħu għandu jibda mid-data tal-laqgħa kostituttiva tiegħu sal-adozzjoni tal-att legalment vinkolanti, mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa ta' attivitajiet ta' skrutinju. Fil-każ ta' dokument strateġiku preleġiżlattiv, il-mandat tiegħu għandu jibda mid-data tal-laqgħa kostituttiva tiegħu sal-adozzjoni tar-rapport fil-plenarja.**

Il-membri ta' kumitat leġiżlattiv temporanju għandhom jinħatru mill-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati, fil-prinċipju minn fost il-membri tal-kumitati involuti. Il-Konferenza tal-Presidenti għandha tiddeċiedi jekk għandux jinħatar rapporteur wieħed jew aktar fl-istess ħin li ssir il-proposta biex jiġi stabbilit il-kumitat.

3. **Kumitati oħra ma għandhomx ikunu awtorizzati jagħtu opinjonijiet lill-**

kumitat leġiżlattiv temporanju skont l-Artikolu 56.

4. Il-kumitati leġiżlattiv temporanju ma għandux ikollu d-dritt li jagħti opinjonijiet lil kumitati oħra.

Emenda 94

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 208 – paragrafu 10

Test fis-seħħ

10. *Meta l-allegati ksur jew amministrazzjoni ħażina fl-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jissuġġerixxu li korp jew awtorità ta' Stat Membru jistgħu jkunu responsabbli, il-kumitat ta' inkjesta jista' jitlob lill-parlament tal-Istat Membru kkonċernat jikkoopera fl-investigazzjoni.*

Emenda

10. *Talbiet għal dokumenti u għal xhieda biex jixhdu, skont id-Deċiżjoni 95/167/KE, Euratom, KEFA għandhom isiru formalment mill-President fuq talba tal-kumitat ta' inkjesta. F'każ li talba għal dokumenti jew biex xhud jixhed tiġi rifjutatha mingħajr ġustifikazzjoni suffiċjenti, għandu japplika l-Artikolu 123a.*

Il-kumitati ta' inkjesta jistgħu, skont id-Deċiżjoni 95/167/KE Euratom, KEFA u skont dawn ir-Regoli ta' Proċedura:

- jorganizzaw missjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni fl-Istati Membri;*
- jitolbu dokumenti u rapporti tal-esperti;*
- jistiednu x-xhieda;*
- jisimgħu l-uffiċjali u impjegati oħra tal-Unjoni jew tal-Istati Membri;*
- jitolbu assistenza mill-awtoritajiet nazzjonali matul l-investigazzjonijiet tagħhom;*
- jitolbu lill-parlamenti tal-Istat Membru kkonċernat biex jikkooperaw fl-investigazzjoni.*

Il-President jista' jistieden lix-xhieda biex jixhdu taħt ġurament. Ħadd ma għandu jkun obligat li jixhed taħt ġurament, iżda għandha tittieħed nota formali meta xhud jirrifjuta li jixhed taħt ġurament.

Emenda 95

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 211

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu 211

(imħassar)

Kwistjonijiet ta' kompetenza

- 1. Jekk kumitat permanenti jiddikjara lilu nnifsu mhux kompetenti biex jeżamina punt, jew jekk jinqala' kunflitt dwar il-kompetenza ta' żewġ kumitati permanenti jew iżjed, il-kwistjoni ta' kompetenza għandha tiġi riferuta lill-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati fi żmien ġimagħtejn mir-riferiment lill-kumitat previst fl-Artikolu 48(1). Il-ġimgħat mingħajr attivitajiet parlamentari u l-ġimgħat riżervati għall-attivitajiet parlamentari esterni ma għandhomx jitqiesu għall-finijiet ta' dik l-iskadenza.*
- 2. Sa mhux aktar tard mit-tieni laqgħa tagħha wara l-iskadenza stipulata fil-paragrafu 1, il-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati jew il-President tagħha għandhom joħroġu rakkomandazzjoni. Il-Konferenza tal-Prezidenti għandha tieħu deċiżjoni abbażi ta' dik ir-rakkomandazzjoni fi żmien sitt ġimgħat wara t-trażmissjoni tagħha. Jekk il-Konferenza tal-Prezidenti ma tiħux deċiżjoni fi żmien dak il-perjodu, ir-rakkomandazzjoni għandha titqies li tkun ġiet approvata.*
- 3. Il-presidenti tal-kumitati jistgħu jagħmlu ftehimiet ma' presidenti ta' kumitati oħra dwar l-allokkazzjoni ta' punt lil kumitat partikolari, suġġett, fejn ikun neċessarju, għall-awtorizzazzjoni ta' proċedura b'kumitati assoċjati skont l-Artikolu 57.*

*(L-emenda tapplika għat-test kollu:
jitħassru r-referenzi għall-Artikolu 211 u
jsiru l-bidliet li jirriżultaw fir-Regoli ta'*

Emenda 96

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Artikolu 222 – paragrafu 1 – punt a

Test fis-seħħ

(a) għandu jagħti l-kompitu lill-kumitat responsabbli għas-suġġett skont l-Anness VI biex jorganizza s-smiġh pubbliku stipulat fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2019/788; il-kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet għandu jkun awtomatikament *assoċjat* skont *l-Artikolu 57 ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura*;

Emenda

(a) għandu jagħti l-kompitu lill-kumitat responsabbli għas-suġġett skont l-Anness VI biex jorganizza s-smiġh pubbliku stipulat fl-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2019/788; il-Kumitat responsabbli għall-petizzjonijiet għandu jkun awtomatikament *involut* skont *il-prinċipju ta' kooperazzjoni tajba u sinċiera kif imsemmi fl-Artikolu 56*;

Emenda 97

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu -1 (ġdid)

Test fis-seħħ

Emenda

Artikolu -1

Struttura u organizzazzjoni tal-portafolli tal-Kummissjoni

Skont l-Artikolu 125, qabel is-seduti ta' smiġh ta' konferma, il-President għandu jstieden lill-President elett tal-Kummissjoni biex jinforma lill-Konferenza tal-Presidenti dwar dan li ġej:

– l-istruttura ppjanata tal-Kummissjoni l-ġdida, inklużi t-titoli proposti ta' portafolli individwali u r-raggruppament possibbli tagħhom;

– l-allokkazzjoni tar-responsabbiltajiet (portafolli) fil-Kulleġġ tal-Kummissarji propost f'konformità mal-linji gwida politiċi tal-President elett; u

– kwistjonijiet orizzontali oħra, inkluż il-bilanċ bejn il-ġeneri f'dak il-Kulleġġ.

Emenda 98

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 1 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Il-Parlament jista' jfittex li jikseb kull tagħrif rilevanti biex jieħu deċiżjoni dwar il-kapaċità tal-Kummissarji nnominati. **Huwa** jistenna li **t-tagħrif** dwar l-interessi finanzjarji tagħhom **ikun żevalat bis-sħiħ**. Id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-Kummissarji nnominati għandhom jintbagħtu għall-iskrutinju tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali.

Emenda

3. Il-Parlament jista' jfittex li jikseb kull tagħrif rilevanti biex jieħu deċiżjoni dwar il-kapaċità tal-Kummissarji nnominati. **Il-Parlament** jistenna li **l-Kummissarji nnominati jiżvelaw bis-sħiħ it-tagħrif** dwar l-interessi finanzjarji tagħhom. Id-dikjarazzjonijiet ta' interess tal-Kummissarji nnominati għandhom jintbagħtu għall-iskrutinju tal-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali.

Emenda 99

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 2 – titolu

Test fis-seħħ

Eżami tad-dikjarazzjoni tal-interessi **finanzjarji**

Emenda

Eżami tad-dikjarazzjoni tal-interessi

Emenda 100

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – punt 2 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test fis-seħħ

3. Il-linji gwida li ġejjin għandhom ikunu applikati waqt l-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi **finanzjarji** mill-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali:

Emenda

3. Il-linji gwida li ġejjin għandhom ikunu applikati waqt l-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet tal-interessi mill-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali:

Emenda 101

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt a

Test fis-seħħ

(a) jekk, matul l-iskrutinju tad-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji, il-Kumitat iqis, abbażi tad-dokumenti ppreżentati, li d-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji hija preċiża, kompluta u ma tinkludi l-ebda informazzjoni li tindika kunflitt ta' interess reali jew potenzjali b'rabta mal-portafoll tal-Kummissarju nnominat, il-president tiegħu għandu jibgħat ittra ta' konferma ta' **dan** lill-kumitati responsabbli mis-seduta ta' smiġħ jew lill-kumitati involuti fil-każ ta' proċedura li tkun qed isseħħ waqt il-mandat ta' Kummissarju;

Emenda

(a) jekk, matul l-iskrutinju tad-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji, il-kumitat **responsabbli għall-affarijiet legali** iqis, abbażi tad-dokumenti ppreżentati, li d-dikjarazzjoni tal-interessi finanzjarji hija preċiża **u** kompluta u ma tinkludi l-ebda informazzjoni li tindika kunflitt ta' interess reali jew potenzjali b'rabta mal-portafoll tal-Kummissarju nnominat, il-President tiegħu għandu jibgħat ittra ta' konferma ta' **din il-konstatazzjoni** lill-kumitati responsabbli mis-seduta ta' smiġħ **ta' konferma** jew lill-kumitati involuti fil-każ ta' proċedura li tkun qed isseħħ waqt il-mandat ta' Kummissarju; **jekk il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jsib elementi fid-dikjarazzjoni tal-interessi tal-Kummissarju nnominat, għajr dawk relatati mal-interessi finanzjarji, li għandhom jiġu kkunsidrati fl-evalwazzjoni ġenerali tal-Kummissarju nnominat, huwa għandu jinforma minnufih lill-kumitati kollha involuti fis-seduta ta' smiġħ ta' konferma;**

Emenda 102

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 2 – paragrafu 3 – punt c

Test fis-seħħ

(b) jekk il-Kumitat **iqis** li d-dikjarazzjoni tal-interessi ta' Kummissarju nnominat ikun fiha informazzjoni inkompleta jew kontradittorja, jew li hemm bżonn ta' informazzjoni addizzjonali, huwa għandu, b'konformità mar-Regoli ta' Proċedura u l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, jitlob lill-

Emenda

(b) jekk il-kumitat **responsabbli għall-affarijiet legali** iqis li d-dikjarazzjoni tal-interessi ta' Kummissarju nnominat ikun fiha informazzjoni **relatata mal-interessi finanzjarji, li tkun** inkompleta jew kontradittorja, jew li hemm bżonn ta' informazzjoni addizzjonali **rigward l-interessi finanzjarji**, huwa għandu, b'konformità mar-Regoli ta' Proċedura u l-

Kummissarju nnominat jipprovdi informazzjoni supplementari mingħajr dewmien żejjed, u għandu jikkunsidraha u janalizzaha sew qabel jieħu d-deċiżjoni tiegħu; il-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali jista' jiddeċiedi, fejn xieraq, li jistieden lill-Kummissarju nnominat għal seduta ta' smiġħ;

Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea, jitlob lill-Kummissarju nnominat jipprovdi informazzjoni supplementari mingħajr dewmien żejjed, u għandu jikkunsidraha u janalizzaha sew qabel jieħu d-deċiżjoni tiegħu; il-kumitat responsabbli għall-affarijiet legali jista' jiddeċiedi, fejn xieraq, li jistieden lill-Kummissarju nnominat għal seduta ta' smiġħ;

Emenda 103

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 1 – paragrafu 3 – punt c

Test fis-seħħ

(c) jekk il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jinnota li hemm kunflitt ta' interessi abbażi tad-dikjarazzjoni tal-interessi **finanzjarji** jew tal-informazzjoni supplementari li jkun ipprovda l-Kummissarju nnominat, huwa għandu jfassal rakkomandazzjonijiet **bl-għan** li **jiġi riżolt il-kunflitt** ta' interessi; dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jinkludu r-rinunzja tal-interessi finanzjarji inkwistjoni jew tibdiliet mill-President tal-Kummissjoni fil-portafoll tal-Kummissarju nnominat; f'każijiet aktar serji, jekk ma tinstab l-ebda soluzzjoni għall-kunflitt ta' interessi, u bħala **l-ahħfar** għażla, il-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali jista' jikkonkludi li l-Kummissarju nnominat mhuwiex f'pożizzjoni li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu skont it-Trattati u l-Kodiċi ta' Kondotta; il-President tal-Parlament imbagħad għandu jsaqsi lill-President tal-Kummissjoni x'passi ulterjuri biħsiebu jieħu.

Emenda

(c) jekk il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jinnota li hemm kunflitt ta' interessi **relatat mal-interessi finanzjarji** abbażi tad-dikjarazzjoni tal-interessi jew tal-informazzjoni supplementari li jkun ipprovda l-Kummissarju nnominat, huwa għandu jfassal rakkomandazzjonijiet li **għandhom l-għan li jsolvu l-kunflitt** ta' interessi; dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jinkludu r-rinunzja tal-interessi finanzjarji inkwistjoni jew tibdiliet mill-President tal-Kummissjoni fil-portafoll tal-Kummissarju nnominat; f'każijiet aktar serji, jekk ma tinstab l-ebda soluzzjoni għall-kunflitt ta' interessi **relatat mal-interessi finanzjarji**, u bħala **l-aħħar** għażla, il-Kumitat responsabbli għall-Affarijiet Legali jista' jikkonkludi li l-Kummissarju nnominat mhuwiex f'pożizzjoni li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu skont it-Trattati u l-Kodiċi ta' Kondotta; il-President tal-Parlament imbagħad għandu jsaqsi lill-President tal-Kummissjoni x'passi ulterjuri biħsiebu jieħu.

Emenda 104

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 3 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Is-seduti ta' smigħ għandhom ikunu organizzati mill-Konferenza tal-Presidenti **fuq** rakkomandazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati. Il-president u l-koordinaturi ta' kull kumitat għandhom ikunu responsabbli għall-arranġamenti dettaljati. **Jistgħu jinħatru rapporteurs.**

Emenda

2. Is-seduti ta' smigħ **ta' konferma** għandhom ikunu organizzati mill-Konferenza tal-Presidenti **abbażi ta'** rakkomandazzjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, **li għandha tispeċifika l-allokazzjoni proposta tar-responsabbiltajiet fost il-kumitati kif ukoll it-tul propost ta' kull seduta ta' smigħ ta' konferma individwali.** Il-president u l-koordinaturi ta' kull kumitat għandhom ikunu responsabbli għall-arranġamenti dettaljati.

Emenda 105

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 3 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Għandhom isiru arranġamenti xierqa biex **ikunu assoċjati l-kumitati rilevanti meta l-portafolli jkunu mħallta.** Hemm **tlit** għażliet:

(a) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' taħt **il-mandat** ta' kumitat wieħed, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dak il-kumitat biss (il-kumitat responsabbli);

(b) jekk **il-portafoll** tal-Kummissarju nnominat **jaqa' bejn wieħed u ieħor b'mod indaqs taħt il-mandat ta' iktar minn kumitat wieħed**, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dawn il-kumitati

Emenda

3. Għandhom isiru arranġamenti xierqa biex **ir-responsabbiltajiet għal seduta ta' smigħ ta' konferma jiġu allokati lill-kumitati.** Hemm **żewġ** għażliet:

(a) jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' taħt **ir-responsabbiltà** ta' kumitat wieħed **jew ta' diversi kumitati iżda kumitat wieħed ikun iżjed kompetenti**, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dak il-kumitat biss (il-kumitat responsabbli); **kumitati oħra jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fis-seduta ta' smigħ ta' konferma jekk il-portafoll jaqa' b'mod sostanzjali taħt ir-responsabbiltà tagħhom.**

(b) jekk **partijiet sinifikanti tal-portafoll** tal-Kummissarju nnominat **jaqgħu taħt ir-responsabbiltà ta' żewġ kumitati jew aktar li l-ebda minnhom ma jkun kompetenti aktar minn ieħor**, il-

flimkien (kumitati *kongunti*); and

Kummissarju nnominat għandu jinstema' minn dawn il-kumitati flimkien; *kumitati oħra jistgħu jiġu mistiedna jipparteċipaw fis-seduta ta' smigħ ta' konferma jekk il-portafoll jaqa' b'mod sostanzjali taħt ir-responsabbiltà tagħhom.*

(c) *jekk il-portafoll tal-Kummissarju nnominat jaqa' primarjament taħt il-mandat ta' kumitat wieħed u sa ċertu punt biss taħt il-mandat ta' għall-inqas kumitat ieħor, il-Kummissarju nnominat għandu jinstema' mill-kumitat li għandu r-responsabbiltà ewlenija, bl-assoċjazzjoni tal-kumitat l-ieħor jew lill-kumitati l-oħra (kumitati assoċjati).*

Emenda 106

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 3 – paragrafu 5

Test fis-seħħ

5. Il-kumitati għandhom iressqu mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarji nnominati kmieni biżżejjed qabel is-seduta. Għal kull Kummissarju nnominat għandhom jitfasslu żewġ mistoqsijiet komuni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, l-ewwel waħda marbuta ma' kwistjonijiet ta' kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali, u t-tieni waħda marbuta mal-ġestjoni tal-portafoll u l-koperazzjoni mal-Parlament. Il-kumitat responsabbli għandu jressaq ħames mistoqsijiet oħra; ***m'għandhomx ikunu permessi sottomistoqsijiet. Fil-każ tal-kumitati konġunti***, kull wieħed minnhom għandu jingħata d-dritt iressaq tliet mistoqsijiet.

Il-curriculum vitae tal-Kummissarji nnominati u t-tweġiba tagħhom għall-

Emenda

5. Il-kumitati għandhom iressqu mistoqsijiet bil-miktub lill-Kummissarji nnominati kmieni biżżejjed qabel is-seduta ***ta' smigħ ta' konferma***. Għal kull Kummissarju nnominat għandhom jitfasslu żewġ mistoqsijiet komuni mill-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, ***li*** l-ewwel waħda ***minnhom għandha tkun*** marbuta ma' kwistjonijiet ta' kompetenza ġenerali, l-impenn Ewropew u l-indipendenza personali, u ***li*** t-tieni waħda ***minnhom għandha tkun*** marbuta mal-ġestjoni tal-portafoll u l-koperazzjoni mal-Parlament. Il-kumitat responsabbli għandu jressaq ħames mistoqsijiet oħra. ***Fil-każ li Kummissarju nnominat jinstema' b'mod konġunt minn żewġ kumitati jew aktar***, kull wieħed minnhom għandu jingħata d-dritt iressaq tliet mistoqsijiet. ***Kull kumitat mistieden għandu jkollu d-dritt li jressaq mistoqsija waħda. Ma għandhomx ikunu permessi sottomistoqsijiet.***

Il-curriculum vitae tal-Kummissarji nnominati u t-tweġiba tagħhom għall-

mistoqsijiet bil-miktub għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Parlament qabel ma ssir is-seduta ta' smiġh.

mistoqsijiet bil-miktub għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Parlament qabel ma ssir is-seduta ta' smiġh **ta' konferma**.

Emenda 107

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 3 – paragrafu 6

Test fis-seħħ

6. ***Kull seduta ta' smiġh għandha tiġi skedata li ddum tliet sigħat. Is-seduti ta' smiġh għandhom isiru f'ċirkostanzi, u skont kundizzjonijiet, li fihom il-Kummissarji nnominati jgawdu minn opportunità ugwali u ġusta biex jippreżentaw lilhom infushom u l-fehmiet tagħhom.***

Emenda

6. ***Is-seduti ta' smiġh ta' konferma għandhom isiru f'ċirkostanzi, u skont kundizzjonijiet, li fihom il-Kummissarji nnominati jgawdu minn opportunità ġusta biex jippreżentaw lilhom infushom u l-fehmiet tagħhom. Fil-prinċipju, is-seduti ta' smiġh ta' konferma għandhom jiġu skedati li jdumu tliet sigħat. Madankollu, fil-każ tal-Kummissarji nnominati b'portafolli partikolarment kbar jew kumplessi li jinvolvu aktar minn kumitat wieħed, il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati tista' tirrakkomanda li s-seduta ta' smiġh ta' konferma tkun skedata li ddum sa erba' sigħat. It-tul rakkomandat tas-seduta ta' smiġh ta' konferma għandu jqis kif xieraq l-għadd ta' kumitati mistiedna sabiex kull wieħed mill-Presidenti tagħhom ikun jista' jagħmel mistoqsija waħda.***

Emenda 108

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 3 – paragrafu 7

Test fis-seħħ

7. Il-Kummissarji nnominati għandhom ikunu mistiedna biex jagħmlu stqarrija tal-bidu bil-fomm **ta' mhux** aktar minn 15-il minuta. ***Matul is-seduta ta' smiġh għandhom isiru sa 25 mistoqsija, miġbura flimkien skont it-tema kull meta jkun possibbli. Tista' ssir mistoqsija ta'***

Emenda

7. Il-Kummissarji nnominati għandhom ikunu mistiedna biex jagħmlu stqarrija tal-bidu bil-fomm, **li ma għandhiex iddum** aktar minn 15-il minuta. Il-maġġoranza tal-ħin għad-diskors għandu jkun allokat lill-gruppi politiċi, f'konformità mal-Artikolu 171 *mutatis*

segwitu waħda immedjatament fiż-żmien allokat. Il-maġġoranza tal-ħin għad-diskors għandu jkun allokat lill-gruppi politiċi, f'konformità mal-Artikolu 171 mutatis mutandis. It-tmexxija tas-seduti ta' smigħ għandha ssir bl-għan li jkun żviluppat djalogu politiku pluralistiku bejn il-Kummissarji nnominati u l-Membri. Qabel tmiem is-seduta ta' smigħ, il-Kummissarji nnominati għandu jkollhom l-opportunità li jagħmlu stqarrija qasira tal-għeluq.

mutandis. Il-ħin għad-diskorsi allokat lil grupp politiku għandu jiġi ttrattat bħala blokka ta' ħin, soġġett għall-ħtieġa li jinżamm format armonizzat uniku għal kull seduta individwali ta' konferma. Għandu jkun f'idejn il-grupp politiku li jqassam dak il-ħin bejn il-Membri tiegħu li jipparteċipaw fis-seduta ta' smigħ. Il-ħin għad-diskorsi allokat lill-Membri mhux affiljati ma għandux jitqies bħala blokka ta' ħin. Il-Kummissarju nnominat għandu jingħata, bħala medja, għat-tweġiba tiegħu jew tagħha d-doppju tal-ħin mogħti għall-mistoqsija. It-tmexxija tas-seduti ta' smigħ *ta' konferma* għandha ssir bl-għan li jkun żviluppat djalogu politiku pluralistiku bejn il-Kummissarji nnominati u l-Membri. Qabel tmiem is-seduta ta' smigħ *ta' konferma*, il-Kummissarji nnominati għandu jkollhom l-opportunità li jagħmlu stqarrija qasira tal-għeluq.

Emenda 109

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew VII – Artikolu 3 – Paragrafu 8

Test fis-seħħ

8. ***Għandu jkun hemm*** trażmissjoni awdjoviżiva diretta tas-seduti ta' smigħ ***li*** titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ***u tal-midja*** mingħajr ħlas. Għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistrazzjoni indiċizzata tas-seduti ta' smigħ fi żmien 24 siegħa.

Emenda

8. Trażmissjoni awdjoviżiva diretta tas-seduti ta' smigħ ***ta' konferma għandha*** titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku mingħajr ħlas. Għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku reġistrazzjoni indiċizzata tas-seduti ta' smigħ ***ta' konferma*** fi żmien 24 siegħa.

Emenda 110

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 4 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

1. Il-President u l-koordinaturi għandhom jiltaqgħu mingħajr dewmien

Emenda

1. Il-President u l-koordinaturi għandhom jiltaqgħu mingħajr dewmien

wara s-seduta ta' smigħ biex jevalwaw kull wieħed mill-Kummissarji nnominati. Dawk il-laqgħat għandhom isiru bil-magħluq. Il-koordinaturi għandhom ikunu mistiedna biex jgħidu jekk, *fil-fehma tagħom*, il-Kummissarji nnominati humiex ikkwalfikati kemm biex ikunu membri tal-kulleġġ u biex iwettqu d-dmirijiet partikolari assenjati lilhom. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tfassal mudell pro forma biex tassisti l-evalwazzjoni.

wara s-seduta ta' smigħ *ta' konferma* biex jevalwaw kull wieħed mill-Kummissarji nnominati. Dawk il-laqgħat għandhom isiru bil-magħluq. *Il-Presidenti tal-kumitati mistiedna għandhom jiġu mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat ta' evalwazzjoni.* Il-koordinaturi *tal-kumitat responsabbli* għandhom ikunu mistiedna biex jgħidu jekk, *fil-fehmiet rispettivi tagħhom*, il-Kummissarji nnominati humiex ikkwalfikati kemm biex ikunu membri tal-kulleġġ u biex iwettqu d-dmirijiet partikolari assenjati lilhom. Il-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati għandha tfassal mudell pro forma biex tassisti l-evalwazzjoni.

Emenda 111

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – artikolu 4 – paragrafu 2

Test fis-seħħ

2. Fil-każ *ta'* kumitati *konġunti*, il-president u l-koordinaturi tal-kumitati kkonċernati għandhom jaġixxu b'mod konġunt waqt il-proċedura kollha.

Emenda

2. Fil-każ *li Kummissarju nnominat jinstema' b'mod konġunt minn żewġ kumitati jew aktar*, il-president u l-koordinaturi tal-kumitati kkonċernati għandhom jaġixxu b'mod konġunt waqt il-proċedura kollha, *inkluż billi jkollhom laqgħat ta' evalwazzjoni konġunti.*

Emenda 112

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 4 – paragrafu 3

Test fis-seħħ

3. Għandu jkun hemm ittra ta' evalwazzjoni waħda għal kull Kummissarju nnominat. L-opinjoni jiet tal-kumitati *kollha assoċjati mas-smigħ* għandhom jiġu *inklużi*.

Emenda

3. Għandu jkun hemm ittra ta' evalwazzjoni waħda għal kull Kummissarju nnominat. L-opinjoni jiet tal-kumitati *mistiedna, adottati mill-koordinaturi li jirrappreżentaw maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat li jagħmlu parti minn grupp politiku*, għandhom jiġu *annessi mal-ittra*

ta' evalwazzjoni.

Emenda 113

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt c

Test fis-seħħ

(c) Jekk il-koordinaturi li jirrappreżentaw maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat japprovaw il-Kummissarju nnominat, il-president għandu jressaq ittra f' isimhom li tiddikjara li maġġoranza kbira tapprova lill-Kummissarju nnominat. Il-fehmiet tal-minoranza għandhom jissemmew fuq talba.

Emenda

(c) Jekk il-koordinaturi li jirrappreżentaw maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat **li jagħmlu parti minn grupp politiku** japprovaw il-Kummissarju nnominat, il-president għandu jressaq ittra f' isimhom li tiddikjara li maġġoranza kbira tapprova lill-Kummissarju nnominat. Il-fehmiet tal-minoranza għandhom jissemmew **f'dik l-ittra** fuq talba.

Emenda 114

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt d

Test fis-seħħ

(d) Jekk il-koordinaturi ma jistgħux jilhqqu maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat biex japprovaw il-kandidat, huma **għandhom**

– **l-ewwel jitolbu** informazzjoni addizzjonali permezz ta' mistoqsijiet bil-miktub ulterjuri;

jekk il-koordinaturi xorta waħda jibqgħu mhux sodisfatti, għandhom jitolbu li terġa' ssir seduta ta' smiġh ta' siegħa u nofs **oħra** suġġett għall-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti;

Emenda

(d) Jekk il-koordinaturi ma jistgħux jilhqqu maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat **li jagħmlu parti minn grupp politiku** biex japprovaw il-kandidat, huma **jistgħu jitolbu:**

– informazzjoni addizzjonali permezz ta' mistoqsijiet bil-miktub ulterjuri, **li ma għandhomx jaqbżu l-għadd ta' mistoqsijiet bil-miktub ippreżentati inizjalment lill-Kummissarju nnominat. u/jew**

– li terġa' ssir seduta ta' smiġh ta' **konferma ta'** siegħa u nofs suġġett għall-approvazzjoni tal-Konferenza tal-Prezidenti.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-ewwel inċiż, is-submistoqsijiet ma

għandhomx ikunu permessi u l-kumitati mistiedna ma għandux ikollhom id-dritt li jressqu mistoqsijiet addizzjonali bil-miktub

Jistgħu jintalbu biss sett wieħed ta' mistoqsijiet addizzjonali bil-miktub u li terġa' ssir seduta ta' smigħ ta' konferma waħda bħala parti mill-evalwazzjoni ta' Kummissarju nnominat.

Mistoqsijiet addizzjonali bil-miktub u t-tweġibiet tal-Kummissarju nnominat għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Parlament.

Emenda 115

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt e

Test fis-seħħ

(e) Jekk, wara l-applikazzjoni tal-punt (d), il-koordinaturi li jirrappreżentaw maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat japprovaw lill-Kummissarju nnominat, il-president għandu jressaq ittra f'isimhom li tiddikjara li maġġoranza kbira tapprova lill-Kummissarju nnominat. Il-fehmiet tal-minoranza għandhom jissemmew fuq talba.

Emenda

(e) Jekk, wara l-applikazzjoni tal-punt (d), il-koordinaturi li jirrappreżentaw maġġoranza ta' mill-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat **li jagħmlu parti minn grupp politiku** japprovaw lill-Kummissarju nnominat, il-president għandu jressaq ittra f'isimhom li tiddikjara li maġġoranza kbira tapprova lill-Kummissarju nnominat. Il-fehmiet tal-minoranza għandhom jissemmew **f'dik l-ittra** fuq talba.

Emenda 116

Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew Anness VII – Artikolu 4 – paragrafu 4 – punt f

Test fis-seħħ

(f) Jekk, wara l-applikazzjoni tal-punt (d), ikun għad m'hemmx maġġoranza tal-koordinaturi li jirrappreżentaw tal-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat biex japprovaw lill-Kummissarju nnominat, il-president għandu jsejjaħ laqgħa u jressaq għall-votazzjoni ż-żewġ mistoqsijiet

Emenda

(f) Jekk, wara l-applikazzjoni tal-punt (d), ikun għad m'hemmx maġġoranza tal-koordinaturi li jirrappreżentaw tal-inqas żewġ terzi tal-membri tal-kumitat **li jagħmlu parti minn grupp politiku** biex japprovaw lill-Kummissarju nnominat, il-president għandu jsejjaħ laqgħa u jressaq

imsemmija fil-paragrafu 1. Il-president għandu jressaq ittra li tiddikjara l-evalwazzjoni tal-kumitat.

għall-votazzjoni ż-żewġ mistoqsijiet imsemmija fil-paragrafu 1. Il-president għandu jressaq ittra li tiddikjara l-evalwazzjoni tal-kumitat.

NOTA SPJEGATTIVA

Fit-18 ta' Jannar 2023, il-Konferenza tal-Presidenti (KtP) waqqfet il-Grupp ta' Ħidma "Parlament 2024" b'mandat biex jiżviluppa proposti ta' riforma konkreti u azzjonabbli biex jissaħħu l-metodi ta' ħidma interni tal-Parlament kif ukoll ir-rwol istituzzjonali u l-kapaċità tiegħu li jaġixxi. Il-membri tal-Grupp ta' Ħidma enfasizzaw b'mod unanimu l-ħtieġa għal riformi peress li l-Parlament irid jiżgura li huwa mgħammar tajjeb u jibqa' hekk biex iwettaq il-kompiti tiegħu skont it-Trattati u biex jissodisfa l-aspettattivi taċ-ċittadini. Mhux l-inqas fid-dawl tal-ħafna sfidi u kriżijiet li kienet u qiegħda tiffaċċja l-UE, il-kredibbiltà tal-Parlament Ewropew tiddependi wkoll mill-kapaċità tiegħu li jirrifirma u jimmodernizza.

Il-Grupp ta' Ħidma identifika problemi li ltaqgħu magħhom tul il-ħames oqsma definiti fil-mandat tiegħu, jiġifieri l-leġiżlazzjoni, l-iskrutinju, il-funzjonijiet baġitarji u l-kontroll baġitarju, il-plenarja, u r-relazzjonijiet esterni. Wara għaxar xhur ta' analiżi u skambju ta' fehmiet, il-Grupp ta' Ħidma ressaq pakkett komprensiv ta' proposti ta' riforma li jkopri l-ħames oqsma.

Il-pakkett ta' riforma ġie approvat mill-Konferenza tal-Presidenti fis-7 ta' Diċembru 2023 bl-objettiv ta' implimentazzjoni sħiħa sa tmiem il-leġiżlatura. Dan jirrikjedi segwitu koordinat minn diversi korpi parlamentari. Għal għadd ta' miżuri ta' riforma, ir-Regoli ta' Proċedura jridu jiġu emendati u għal oħrajn, barra minn hekk, id-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni jridu jiġu adottati mill-korpi governattivi tal-Parlament.

Fil-laqgħa tagħha tal-31 ta' Jannar 2024, bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-ħidma tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (AFCO), il-KtP approvat emendi proposti għar-Regoli ta' Proċedura abbażi tad-deċiżjoni tagħha tas-7 ta' Diċembru 2023 u ddeċidiet li tibgħathom lill-Kumitat AFCO. Il-KtP stiednet lill-Kumitat AFCO jaġixxi malajr u jippreżenta l-emendi lill-plenarja fil-ħin għall-adozzjoni qabel tmiem il-leġiżlatura.

Il-miżuri ta' riforma, ladarba jiġu implimentati, se jwasslu għal funzjonament aħjar tal-Parlament bħala koleġiżlatur, fergħa tal-awtorità baġitarja u awtorità ta' kwittanza. Barra minn hekk, ir-riformi se jżidu l-kapaċità tal-Parlament li jeżerċita sorveljanza demokratika u li jżomm lill-istituzzjonijiet l-oħra, b'mod partikolari l-Kummissjoni, responsabbli.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

Data tal-adozzjoni	20.3.2024
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 19 -: 2 0: 6
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Leila Chaibi, Włodzimierz Cimoszewicz, Ana Collado Jiménez, Gwendoline Delbos-Corfield, Salvatore De Meo, Daniel Freund, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Giuliano Pisapia, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Gilles Boyer, Mercedes Bresso, Cyrus Engerer, Othmar Karas, Alin Mituța, Maite Pagazaurtundúa
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Paola Ghidoni, Michiel Hoogeveen, Ernő Schaller-Baross, Ralf Seekatz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

19	+
ID	Gerolf Annemans, Paola Ghidoni, Antonio Maria Rinaldi
PPE	Ana Collado Jiménez, Salvatore De Meo, Brice Hortefeux, Ralf Seekatz, Sven Simon, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Renew	Gilles Boyer, Sandro Gozi, Alin Mituța, Maite Pagazaurtundúa
S&D	Mercedes Bresso, Włodzimierz Cimoszewicz, Giuliano Pisapia, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira

2	-
ECR	Michiel Hoogeveen
NI	Ernő Schaller-Baross

6	0
S&D	Gabriele Bischoff
The Left	Leila Chaibi, Helmut Scholz
Verts/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos-Corfield, Daniel Freund

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni